



**SAN FRANGISK**

**QUDDIEM IS-SWAR**

**TA' GERUSALEM**

**Is-Sittax-il Sena.** **Mejju — Awissu 1970** **Għadd 2**

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

LEĦEN

# L-ART IMQADDSA

**QARI**
**LI JOĦROĠ KULL ERBA' XHUR**
**MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU**
**F'MALTA**

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." — Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAHRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA



Is-Sittax-il Sena. Mejju — Awissu 1970 Għadd 2

## X'FIH DAN IL-GĦADD

Ġesù Qam Rebbieħ Minn Bejn L-Imwiet (Id-Direzzjoni) ... ... ... 33

Kummissarju Ġdid tal-Qabar ta' Kristu f'Malta ... ... ... ... 34

Enċiklika Fuq l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... 35

Is-Santwarju ta' San Ġwann Battista (P. Mikiel Catania, O.F.M.) ... 42

Il-Papiet u l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... 48

L-Iben Prodigu: X'kont Nagħmel Jien? (P. N. Ellul-Vincenti, O.F.M.) ... 50

Sara (Ir-Raħeb) ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 53

Marija . . . U Int (P. Gwido Schembri, O.F.M.) ... ... ... ... 56

It-Traġedja ta' Masada (Luretu Cutajar) ... ... ... ... ... 60

---

*Direzzjoni:* W. R. P. Mikiel Catania, O.F.M., Viċi-Kummissarju tat-Terra Santa
*Amministrazzjoni:* R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

EDITORJAL:

# GESU' QAM REBBIEH MINN BEJN L-IMWIET

*Tfittxux qalb l-umiljazzjoni tal-qabar il-glorja tal-bniedem. Fittxuha band'oħra, fittxuha fejn tridu: u fil-għerf li bih Alla żejnu, u fis-setgħa u l-qawwa li Alla ried jagħtih, u fil-kobor li hu jfittex jikseb qalb il-vanità u t-tlellix ta' dinja li ma tagħrafx is-sbuħija ta' l-ispirtu; imma le la tfittxux il-glorja tal-bniedem qalb il-fdal ta' ġisem li kien, imma li issa qed jisfaxxa ruħu taħt ftit trab, biex minnu titwettaq dik il-kiefra kundanna mogħtija minn Alla ġewwa l-ġenna ta' l-art: "Trab int u trab terġa' ssir".*

*Ukoll jekk fuq dan il-qabar jinsab imtella l-isbaħ fost il-monumenti, jekk fuqu l-ġenju u l-arti marru skolpew l-ikbar kapolavuri, jekk għorrief u letterati waslu jħażżu l-isbaħ skrizzjoni b'tifħir li jqawwik u jqanqlek, temminx: huwa tlettix li jqarraq, huwa tlettix li jagħmel aktar reali u glorjuż ir-rebħ tal-mewt fuq l-egojiżmu kburi tax-xejn tal-bniedem.*

*Qabar wieħed biss, għax imħabbar li kellu jkun glorjuż — "U jkun glorjuż il-qabar tiegħu" (Iżaj. XI, 10), ikisser u jfarrak dan ir-rebħ tal-mewt. U fejn fil-qabar tintemm il-glorja tal-bniedem, hemm tibda l-glorja ta' Alla. Il-mewt ma għamlitx fi trab il-ġisem ta' Ġesù Msallab fuq salib bejn żewġ ħallelin, Ġesù deher bħala vittma mirbuħa. Ma qatax it-tkasbir, ma ntemmx it-tgħajjir; l-umiljazzjoni kienet mill-aqwa; kollox kien jagħtik x'tifhem li l-egħdewwa ta' Kristu kienu ħarġu għal kollox rebbieħa, għax il-mewt kienet xejjnet dak il-Ġisem li minnu kellha titnissel il-ħajja.*

*Imma llum liema bidla! Il-qawwa tad-Divinità tidher fil-kobor glorjuż tagħha.*

*Ġesù qam minn bejn l-imwiet. Għalxejn l-egħdewwa ssiġillaw il-qabar tiegħu bis-siġilli imperjali u poġġew għases li kellhom bil-qawwa ta' l-armi jbegħdu lil dawk li jkollhom il-kuraġġ jersqu biex jisirquh, għax b'rieda u qawwa misterjuża jitqanqal il-blat tal-Kalvarju, biex minn dak il-qabar joħroġ rebbieħ il-Ġisem glorjuż ta' Ġesù.*

*Qam minn bejn l-imwiet. Anġlu liebes l-ilbies abjad niżel mis-sema, neħħa l-blata li biha kien magħluq il-qabar, u lin-nisa li marru bil-balzmu u l-fwejjaħ biex jidilku l-ġisem ta' Ġesù mar qal: "Qed tfittxu lil Ġesù ta' Nazaret; qam, mhuwiex hawn!"*

*Ġesù qam minn bejn l-imwiet. Għalxejn is-Sinedriju fittex li jixtri lill-għassiesa biex igħidu li l-ġisem ta' Ġesù ġie misruq, għax lil kull min resaq biex jara l-verità ma ġietx mogħtija tweġiba oħra jekk mhux il-kliem li bih l-anġlu fittex li jqawwi qlub in-nisa u l-appostli: "Qed tfittxu lil Ġesù ta' Nazaret; qam, mhuwiex hawn".*

*Ġesù qam minn bejn l-imwiet, tħabbrilna Ommna l-Knisja Mqaddsa u bil-għana ferrieħi tagħha u bid-daqq tal-qniepen, u bit-tiżjin ta' lbiesha. U bir-raġun kollu; għax l-Iben t'Alla, bil-qawwa tiegħu fuq il-mewt, imur ipoġ-*

*ġilna quddiem għajnejna miraklu u eżempju ħaj biex nistgħu nittamaw. Il-qawmien ta' Ġesù minn bejn l-imwiet fl-għajnejn tagħna ta' nsara huwa prova l-aktar qawwija tad-divinità ta' Kristu. "Li kieku Kristu ma qamx minn bejn l-imwiet — igħidilna l-Appostlu Missierna — ta' xejn kienet tkun il-predikazzjoni tagħna; ta' xejn kienet tkun il-fidi tagħkom (I Cor. XV, 14) — Eżempju ta' tama: aħna wkoll għad inqumu rebbieħa mill-qabar biex ngħixu ħajja ta' glorja. Kristu mhux għalxejn miet, mhux għalxejn rebaħ lill-mewt, mhux għalxejn deher imżejjen bil-glorja fil-jum tal-qawmien glorjuż tiegħu.*

*ID-DIREZZJONI.*

# KUMMISSARJU GDID TAL-QABAR TA' KRISTU F'MALTA

**Nieħdu pjaċir inħabbrulkom li bħala Kummissarju tal-Qabar ta' Kristu għal Malta ġie maħtur il-W.R.P. Valentin Cardona, O.F.M., li s'issa kien Viċi-Kummissarju. Patri Valentin twieled Ħal Balzan daqs sebgħin sena ilu, u daħal kmieni fl-Ordni Franġiskan meta kien għad għandu ħmistax-il sena. Għamel l-istudji tiegħu letterarji fil-kunvent tagħna tar-Rabat; wara telaq lejn l-Italja biex ikompli l-istudji tiegħu filosofiċi u teoloġiċi fil-kunvent ta' Siena fit-Toscana, fejn ġie ordnat saċerdot fis-26 ta' Awissu 1923.**

**Wara li ġie hawn Malta u ta bidu għax-xogħol tiegħu saċerdotali fil-kunventi tagħna, telaq għall-missjoni ta' l-Art Imqaddsa fejn ġie magħżul bħala Kappillan tal-Maltin fil-Parroċċa ta' Budaq. Għal sitt snin kien Kappillan fil-Knisja ta' San Ġużepp tal-Kajr, fl-Eġittu, u wara għamel żmien bħala Kappillan f'Meadi. Minn hawn ġie trasferit f'Ibramija, Lixandra. Ħalla l-missjoni ta' l-Eġittu fl-1954 biex jiġi Malta u jgħin fix-xogħol tal-Kummisserija ta' l-Art Imqaddsa ta' Malta.**

**Naħseb li ftit huma fost il-Maltin u l-Għawdxin li ma jafux lil dan il-Patri twajjeb jiġġerra minn ġimgħa għal ġimgħa fil-Parroċċi tagħna biex jagħmel il-prietka ta' l-Art Imqaddsa, iqassam ir-rivista "Leħen l-Art Imqaddsa", li tagħha huwa amministratur, u jiġbor il-għotja ċkejkna tagħna l-Maltin li trid hija wkoll tilħaq il-għan tagħha fil-ħarsien tas-Santwarji tal-Fidwa tagħna u fit-tħaddim ta' tant opri karitatevoli u soċjali mmexxija b'tant ġenerożità mill-Missjoni ta' l-Art Imqaddsa.**

**Minn qiegħ qalbna rridu nifirħu lil Patri Valentin, filwaqt li nixtiequlu għomor twil u saħħa biex jista' jtemm b'ġieħ u mħabba l-missjoni ġdida f'idejh fdata b'tant fiduċja mis-Superjuri tiegħu.**

# ENCIKLIKA FUQ L-ART IMQADDSA

*(Jaqbad mal-għadd ta' Jannar - Marzu, p. 2)*

**II. — IL-FRANĠISKANI F'NAZARET**

Għax huwa sewwasew f'Nazaret li wieħed jagħraf it-tifsir tal-qagħda tal-Patrijiet Minuri fl-Art Imqaddsa. Għalkemm is-Santwarju ta' Nazaret ma waqax f'idejn il-Franġiskani sa mill-bidunett, nafu li kien wieħed mis-Santwarji li l-Franġiskani kienu jżuru fil-pellegrinaġġi tagħhom, għax kien il-post fejn il-Verb Etern sar Bniedem. F'dawk iż-żmenijiet il-patrijiet kien għad m'għandhomx kunvent fejn jgħammru. Il-qagħda tagħhom xejn u wisq stabbili tibda fis-seklu sittax, meta ġie lilhom mogħti l-permess li jibnu knisja u dar ċkejkna. Imma kien għal ftit żmien. Fis-sena 1620 daħlu f'Nazaret għal kollox, bil ħila tal-Kustodju Patri Tumas Obicini minn Novara, li xtara l-post u bagħat xi reliġjużi joqgħodu hemm. Malajr il-patrijiet bdew ix-xogħol tagħhom, jiffunzjonaw fil-knisja u jaħsbu għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ. Issa l-Kustodja kabbret il-għan tax-xogħlijiet tagħha: il-kisba ta' wieħed mis-santwarji ewlenin ta' l-Art Imqaddsa. Kienet ġrajja glorjuża, li fetħet it-triq biex ikun hemm aktar għaqda u żvilupp mas-santwarji l-oħra, ftit jew xejn importanti, tal-Galilea, bħalma kienu dawk ta' Yaffja, Seforis, Najm, Kana, it-Tabor, Tiberijade, Tabqgħa, Kafarnahum u oħrajn.

Ukoll wara din is-sistemazzjoni definittiva tal-Franġiskani, il-ħidma fis-Santwarju ta' Nazaret ma mxietx dejjem fil-paċi, għax matul is-sekli XVII u XVIII mhux darba u tnejn ir-reliġjużi kellhom jaħarbu, għax ġew ippersegwitati, iċċarċar id-demm, u djarhom ġew misruqa, maħruqa u mħollija ħerba. Imma Nazaret ma ġietx abbandunata. Insibu li f'ċertu żmien, biex il qagħda tagħhom tkun aktar fiż-żgur, is-Superjuri tal-Patrijiet ġew magħżula mill-awtoritajiet ċivili bħala rappreżentanti tagħhom f'Nazaret u fl-inħawi ta' madwarha.

M'għandniex xi ngħidu li meta fis-seklu XIX il-qagħda politika tjiebet, kemm is-Santwarju u kemm il-patrijiet ta' Nazaret ħadu r-ruħ u setgħu jaħdmu b'aktar ħelsien; minn Nazaret xterdet mal-Galilea kollha sal jiem tal-lum xejra ta' ħajja kattolika. F'Nazaret insibu miġbura kull xorta ta' ħidma Franġiskana fl-Art Imqaddsa.

**IL-ĦARSIEN U L-IŻVILUPP TAS-SANTWARJU**

Kif il-Franġiskani kisbu l-post, bnew knisja ġdida li ġiet imbierka fl-1632; biż-żmien din iġġarrfet u minflokha nbniet oħra li ġiet miftuħa fl-1730; din ġiet imkabbra ħafna fl-1877. Ix-xewqa tal-Patrijiet kienet iżda għadha ma ġietx maqtugħa: huma riedu jibnu Bażilika vera fuq il-post fejn twettqet l akbar ġrajja tas-salvazzjoni tagħna — l-Inkarnazzjoni tal-Verb magħmul Bniedem. Għalhekk kif intemmet l-ewwel gwerra dinjija, intħaseb biex isir xi ħaġa. Meta fl-1924 il-Papa Piju XI ġie mgħarraf b'din l-aħbar, "wera l-għoġba kbira ta' qalbu u

ghamel hila lil min kien se jibda dan ix-xoghol".

Ghaddew tletin sena ohra qabel ma fis-sena 1954, l-ewwel ċentinarju tal-proklamazzjoni tad-domma tat-Tnissil bla Tebgha ta' Marija SS. ma deher li l-holma kienet waslet biex titwettaq. Ghal darb'ohra nqalghu diffikultajiet ġodda: fl-1959 inghata bidu ghax-xoghol fuq disinn maghmul mill-perit Giovanni Muzio u il-darba 'ma jghinx biex jinżamm haj l-ispirtu ta' talb u ta' tjieba, u dan bi nhar u bil-lejl, kif jitlob ċerimonjal miktub ghal tapposta ghal Nazaret mill-Kustodju Patri Tumas Obicini. Niehu pjaċir infakkarkom kif fil-pellegrinaġġ tieghu ta' l-1964 il-Papa Pawlu VI xandar messaġġ, sewwasew minn Nazaret, messaġġ ta' spiritwalità liema bhalha, li juri kif ahna mill-hajja qad-



Dehra ta' Nazaret qabel ma nbniet il-Bażilika.

dum, wara ghaxar snin, stajna nassistu ghall-konsagrazzjoni ta' dan it-Tempju tassew kbir u sabih.

## L-ISPIRITWALITA' LI QED TIXXANDAR MINN DAN IS-SANTWARJU

Il-ġebel li bih jinbnew is-Santwarji m'ghandu l-ebda tifsir ghat-tjieba u d-devozzjoni nisranija, kemm disa tal-Familja ta' Nazaret nistghu niehdu tliet taghlimiet: ta' skiet, ta' hajja familjari u ta' xoghol, taghlimiet dawn li johorġu minn dik l-ispiritwalità li tpoġġielna quddiem ghajnejna Nazaret, li tistedinna sabiex nilbsu hajja tassew interjuri fix-xoghol u fl-ghemil taghna.

U mal-qima tas-Santwarju nghaqdet f'Nazaret sa mill-bidu l-*ghajnu-*

*ma tal-Pellegrini*. Il-pellegrin Verniero li kiteb fis-sena 1635 igħid li fl-istess kunvent tal-patrijiet kien hemm speċi ta' lukanda żgħira. Fl-1800 ġie mibni ospizju ġdid; dejjem imkabbar u mtejjeb ġie mibni mill-ġdid fl-1897; illum dan l-ospizju hu magħruf mill-pellegrini kollha bl-isem ġdid ta' *Casa Nova*.

F'Nazaret ma setgħetx tonqos is-sejħa missjunarja ta' l-Art Imqaddsa. Nazaret hija ċentru ta' ħidma pastorali u parrokkjali. Din il-ħidma, mibdija fis-seklu XVII kibret bil-bosta minħabba ċ-ċirkustanzi favorevoli tas-seklu li għadda. Illum insibu ħafna fondazzjonijiet ta' komunitajiet kattoliċi tassew numerużi, biex ma nsemmux il-ħafna parroċċi ta' rit Latin fl-inħawi ta' Nazaret, bħal ma ngħidu dik ta' Yaffja, Mużejdel, Kana, Tiberijade, Safed, u oħrajn.

Mal-ħidma għall-erwieħ, ukoll jekk ta' riti oħra u b'rispett tassew kbir lejhom, insibu xogħol ieħor mixtieq mill-Knisja, li huwa l-għaqda ta' l-aħwa mifrudin, speċjalment tal-Griegi. Insibu wkoll f'Nazaret ħidma kbira soċjali li nbdiet sa mill-ewwel snin tad-daħla tal-Patrijiet Franġiskani fis-Santwarju. Fl-*Istatuta Pro Terra Sancta*, magħmula fil-Kapitlu Ġenerali ta' Toledo fl-1645 hemm maħsub għall-iskola ta' tfal ukoll għall-belt ta' Nazaret; din l-iskola għadha ħajja sal-lum u tiġbor fiha l-biċċa l-kbira taż-żagħżagħ. Dan l-ispirtu ta' lejaltà lejn il-Missjoni ta' l-Art Imqaddsa ġie kkonfermat fl-okkażjoni tal-konsagrazzjoni tal-Bażilika ta' l-Annunzjazzjoni, għax l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Garrone fl-istess jum tal-konsagrazzjoni poġġa l-ewwel ġebla ta' dar għax-xjuħ fuq il-għolja fejn hemm is-Santwarju tal-Madonna tal-Biża'. U ma ninsewx insemmu kif f'Nazaret ġew imwaqqfa skejjel ta' tagħlim speċjalizzat għall-Istudju ta' l-Arkeoloġija Biblika u Paleo-kristjana, qasam għammiel ta' tfittix, kif jixhdu l-ħafna pubblikazzjonijiet magħmula mill-Professuri tagħna ta' l-Istudju Bibliku tal-kunvent tal-Flaġellazzjoni.

Bħalma wieħed jista' jara l-inawgurazzjoni solenni tal-Bażilika ta' l-Annunzjazzjoni ma kenitx xi funzjoni sempliċi ta' għeluq ta' ġrajja meħuda għaliha weħedha fost tant xogħol ieħor tal-Kustodja; imma ġebla ġdida fil-bini spiritwali li għandu l-egħruq tiegħu fi tradizzjoni ta' sekli ta' l-Art Imqaddsa Franġiskana.

U billi t-tifħir ta' l-imgħoddi jkollu tifsir biss jekk jagħti tagħlima liż-żmien li ġej nixtieq inkellimkom biex infehemkom it-tifsir li għandu jkollha l-Art Imqaddsa llum għalina l-Franġiskani.

* * *

## III. — L-GĦAN TA' L-ART IMQADDSA GĦALL-FRANĠISKANI TAL-LUM

Dan il-għan huwa mfisser wisq tajjeb bi kliem meqjus mill-Kostituzzjonijiet, li ġew pubblikati bħala prova fi Frar ta' din is-sena: "Barra minn dan din il-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa tkompli żżejjen b'għana spiritwali s-sejħa missjunarja ta' l-Ordni. Meta hija xxerred id-devozzjoni lejn il-Verb magħmul Bniedem, hija tkun qed tħabbar il-misteri tal-ħajja, passjoni, mewt u qawmien mill-imwiet ta' Kristu; tagħti xhieda ta' ħajja Franġiskana, u tgħin il-ħidma ekumenika tal-Knisja. Barra minn dan l-Ordni tagħna tħares l-Artijiet Imqaddsa

tal-Fidwa biex tgħin lill-fidili. Tiċċelebra l-liturġija mqaddsa f'dawk il-postijiet u f'ħafna pajjiżi oħra tal-Lvant Qarib, taħdem biex tgħin lill-fidili u lill-pellegrini, tassisti blgħajnuna tagħha lill-insara tar-riti Orjentali, tfittex li tqarreb l-għaqda sħiħa tal-knejjes mifruda, u twieżen lil dawk li qegħdin ifittxu t-triq li tista' twassalhom għand Kristu" (Ara KK. GG. Nru. 74).

Qabel kollox il-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa trid tħares fl-Ordni il-U dan li qegħdin ngħidu għall-missjunarji ta' l-Art Imqaddsa, irridu ngħiduh għall-Ordni kollu.

L-Ordni għandu f'idejh il-ħarsien ta' l-Art Imqaddsa; dan għandu jfakkarna fit-tjieba lejn il-Verb magħmul Bniedem, devozzjoni din li ġiet fdata f'idejna mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju VI f'diskors li għamel fil-Kapitlu Ġenerali, meta qal: "Ulied San Franġisk, uru biċċar lill-għedewwa tal-Knisja li jixluħa li poġġiet l-interessi tagħha fi



Il-Bażilka ta' Nazaret.

*valuri spiritwali tagħha.* L-istess Kostituzzjonijiet igħidu li "il-Patrijiet ta' l-Ordni, li jmorru jaħdmu fil-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa, għandhom ikunu konvinti li l-Artijiet Imqaddsa jgħinu tassew biex wieħed iqawwi s-sejħa tiegħu Franġiskana billi t-tagħlim tal-Verb magħmul Bniedem għandu jkollu post tassew sabiħ fl-ispiritwalità Franġiskana" (KK. GG. Nru. 147).

ħwejjeġ oħra — ta' tagħlim, ta' kultura, ta' prattika u mhux fi Kristu — li kemm San Franġisk, il-qaddis li ġie msejjaħ "*Vir catholicus et totus apostolicus*", kemm uliedu li ġew warа, huma tassew xhieda tal-"primat f'kull ħaġa" (Kol. I, 18) tassaltna li l-Knisja tistqarr u tiċċelebra f'ġieħ Sidna Ġesù Kristu".

Din id-devozzjoni lejn il-Verb magħmul Bniedem imxerrda fl-Ord-

ni mill-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa għandha tagħti lil din l-istess Kustodja *milja ta' xhieda evanġelika*, li għandha tiġi murija b'mod partikulari mill-istess reliġjużi li qegħdin igħixu u jaħdmu fl-Art Imqaddsa.

"Għalhekk — ikomplu jwissu l-istess Kostituzzjonijiet Ġenerali (Nru. 147) — ifittxu r-reliġjużi li jgħixu skond il-Vanġelu Mqaddes, b'mod li jkunu xhieda għall-bnedmin kollha, imma fuq kollox għall-pellegrini, f'dik l-istess art li minnha ħareġ għall-ewwel darba l-messaġġ tas-salvazzjoni." B'dan il-mod il-ħarsien ta' l-Artijiet Imqaddsa — xogħol tassew qaddis fdat f'idejna mill-Knisja — ma jisfax biss xogħol materjali, imma jiżviluppa ruħu f'wirja ta' fidi u ta' ħeġġa spiritwali. Dan ikun jidher speċjalment fil-qima liturġika, u ta' tjieba li biħom nagħtu ħajja lill-artijiet imqaddsa; bl-għajnuna spiritwali u materjali li nagħtu lill-pellegrini, li biha nkabbru u nirrealizzaw l-imħabba universali fost l-aħwa tal-franċeskaniżmu; bl-eżempju ta' ħajja tassew evanġelika, imwettqa fix-xogħlijiet l-aktar baxxi moqdija f'dan is-servizz."

Imma jkun żball kbir kieku kellna ngħidu li l-qagħda tagħna fl-Art Imqaddsa hija aktar bħala *Għassiesa tas-Santwarji* milli bħala *Appostli tal-Vanġelu*. Il-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa twieldet qabel kollox biex tkun Provinċja Missjunarja: "Ħidma missjunarja speċjalment fost il-Mawmettani, li fosthom l-istess Patrijarka Missierna ried imur bħala missjunarju, imkebbes mix-xewqa tas-salvazzjoni ta' l-erwieħ u mix-xewqa tal-martirju" (KK. GG. No. 74 .

Il-frott ta' din il-ħidma missjunarja tiġi mseddqa u mkabbra bix-xogħol pastorali li għadu sejjer sal-lum, speċjalment fil-parroċċi u fl-għaqdiet insara u jkun tassew skond l-ispirtu ta' l-Ordni tagħna jekk inkomplu dan ix-xogħol billi nhejju 'l dawk li jridu jmorru jaħdmu bit-tagħrif sewwa ta' l-ilsna, u bi tħejjija pastorali, ukoll jekk tkun teknika, kif 'jitolbu ż-żmenijiet 'tal-lum.

Għan ieħor tal-ħidma tagħna għandu jkun il-ħidma ekumenika mad-diversi knejjes Insara, li ċertament għalina l-Art Imqaddsa toffri l-aħjar okkażjoni. Din il-ħidma ta' xejra pastorali hija ħafna adattata għal żmenijietna. Taqbel ma' l-ispirtu tal-Konċilju Vatikan II, u speċjalment maż-żjara li l-Qdusija Tiegħu l-Papa għamel lill-pajjiżi tal-Lvant Nofsani u b'mod partikulari lill-Art Imqaddsa. Kull sforz magħmul b'ċerta prudenza u mnebbaħ minn dan il-għan huwa kkunsidrat li jaqbel ħafna mal-ħidma ta' l-Ordni tagħna.

Max-xogħol li semmejna jeħtieġ li tingħaqad il-*ħidma* ta' xejra *soċjali*, xogħol li aħna diġa qegħdin nagħmlu fl-iskejjel, fl-opri ta' għajnuna karitatevoli, biex ngħollu speċjalment il-livell morali, kulturali u soċjali tal-popolazzjoni li qegħdin ngħixu fostha, id f'id ma' l-awtoritajiet lokali kemm ekkleżjastiċi kif ukoll politiċi u amministrattivi. Din il-ħidma, barra li tkompli tradizzjoni tajba u qadima, hija ta' attwalità kbira fi żmenijietna; u hi meħtieġa u mixtieqa fl-ambjent fejn qed inwettquha. B'dan il-mod inkunu qegħdin naqdu b'fedeltà kbira l-missjoni tagħna ta' karità, ta' mħabba u paċi proprju kif għallimna s-Se-

rafiku Missierna, meta għamel il-vjaġġ tiegħu missjunarju fil-Lvant.

Fi żmenijietna nħolqot fil-Kustodja ħidma ġdida, li kienet għal xi żmien xi ftit ittraskurata, irridu ngħidu t-tagħlim ta' l-istudji bibliċi, kemm dawk ta' xejra biblika kif ukoll dawk ta' xejra arkeoloġika, li għandhom bħala ċentru tagħhom l-istudju tagħna bibliku, magħqud ma' l-Università Antonjana ta' Ruma. Biex inkomplu nkabbru l-ħidma tagħna, kif jitolbu l-ħtiġijiet tal lum, f'dan iċ-ċentru tagħna kulturali żidna, mal-kors akkademiku ta' speċjalizzazzjoni, korsijiet oħra ta' aġġornamenti bibliċi - pastorali. B'hekk l-Art Imqaddsa, li fiegħda tmexxi dawn l-istudji, fiegħda toġroġ is-sehem tagħha biex tiġi studjata aħjar il-kelma t'Alla. M'għandux importanza inqas fil qasam ta' l-istudju, l-Istitut għall-Istudji Orjentali tal-Kajr, imwaqqaf fl-1948. Ukoll dan l-Istitut qed jiġi organizzat aħjar biex jieħu xejra importanti.

## TWISSIJIET TA' L-AĦĦAR

Din il-kitba li tħażżet fl-okkażjoni tas-750 sena mill-mawra tal-Missier tagħna San Franġisk fil-Lvant u fl-Art Imqaddsa u tal-Konsagrazzjoni tal-Bażilika l-ġdida ta' l-Annunzjazzjoni f'Nazaret tingħalaq bi twissija, li nixtiequ li tiġi milqugħa b'sinċerità u b'serjetà mill-Ordni kollu. Din it-twissija noħduha mill-ġdid mill-Kostituzzjonijiet Ġenerali tagħna: "Fost il-Missjonijiet imbagħad li fihom qegħdin jaħdmu u jibqgħu jaħdmu b'ħeġġa l-patrijiet tagħna, għandna nħobbu b'mod partikulari dik il-missjoni li, sa mill-bidu tagħha, kienet provinċja missjunarja u li sa minn ħafna sekli, b'ordni tal-Knisja, ġiet mogħtija lill-Ordni, u saret il-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa. Hija tfakkarna fl-imħabba li s-Serafiku Missierna ġieb lill-Postijiet tal-Fidwa u lejn l-art li Kristu u l-Imqaddsa Ommu qaddsu bil-ħajja tagħhom fiha" (KK. GG. n. 73).



**Il-Kappella fejn il-Madonna ġiet imħabbra.**

L-istima li minnha jitkellmu l-Kostituzzjonijiet tagħna għandha titfisser b'imħabba partikulari għal din il-missjoni, li tiġbor fiha ċerti xejriet ta' vokazzjoni Franġiskana, u hija espressjoni ta' ħajja u ta' ħidma, mhux le ta' parti waħda, imma ta' l-Ordni kollu. Għalhekk kulħadd għandu jaħdem b'dan il-għan. Is-Superjuri ta' l-Ordni,

b'sens ta' responsabbiltà, iħossu li għandhom jaħdmu biex jagħrblu sewwa l-kwistjonijiet kollha, interni u esterni, tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa, u li jfittxu jħolluhom kif u kemm jistgħu.

Imma mbagħad huwa dmir ta' kull provinċja u ta' kull reliġjuż li jħossu li l-problemi ta' l-Art Imqaddsa huma wkoll il-problemi tagħhom. Għalhekk kull provinċja u kull reliġjuż għandhom iħossu d-dmir li jgħinu dawk il-ħidmiet u dawk l-istituzzjonijiet li għandhom bħala għan l-għajnuna spiritwali u materjali tal-Kustodja. Għandhom jaslu jifhmu wkoll il-għan spiritwali ta' din il-Kustodja fi ħdan l-Ordni b'vantaġġ kbir tal-benefatturi. Għalhekk mal-propaganda li għandhom jagħmlu biex jiġbru l-flus, għandhom jgħaqqdu ħidma ta' appostolat, ta' tjieba u ta' tagħlim li jkollu bħala ċentru lil Kristu u l-misteri tal-ħajja tiegħu fuq din l-art.

Imma fuq kollox qegħdin infittxu li l-Kustodja jkollha għad-dispożizzjoni tagħha persunal adattat, tant meħtieġ illum bħalma kien fl-imgħoddi. Għalhekk il-Kostituzzjonijiet tagħna jilqgħu dan l-appell tal-Kustodja u jistiednu lil: "Kull provinċja biex ikollha dejjem xi reliġjuż jew tnejn fil-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa, bħala pledge tat-tjieba tagħha lejn il-Verb magħmul Bniedem, u li dawn ir-reliġjużi jibqgħu jaħdmu fil-Kustodja għallinqas għal erba' snin" (KK. GG. Art. 149).

Fost ir-reliġjużi li jridu jaħdmu fl-Art Imqaddsa, kif kienet xewqa tal-Missier Serafiku tagħna, u kif ġie mħażżeż kemm-il darba fil-liġijiet ta' l-Ordni jintgħażlu dejjem l-aħjar u dawk li jistgħu b'ħeffa jwettqu d-dmirijiet, li mhumiex ċkejknin (kulturali, pastorali, soċjali, missjunarji u ekumeniċi) li għalihom jiġu msejħa.

Ir-reliġjużi mbagħad tal-Kustodja għandhom ifittxu jagħmlu ħilithom billi jkunu veri aħwa ta' dawn il-missjunarji ġodda, biex b'hekk jitwettqu aħjar it-twissijiet li jagħtu l-Kostituzzjonijiet tagħna. "Ir-reliġjużi kollha, ikkonsagrati 'l Alla bl-istess Regula, ikunu tassew familja waħda. Għalhekk, għalkemm m'humiex ulied ta' l-istess nazzjon u ma għandhomx l-istess kultura u drawwiet, għandhom ifittxu li jkunu qalb waħda magħqudin bir-rabta tal-paċi" (KK. GG. 45).

Ħalli ngħalqu din l-ittra bil-kliem li l-qatt minsi Papa Ġovanni XXIII tenna lill-Ordni tagħna: "Imqanqlin mill-eżempji sbieħ ta' missierijietkom, li mhux darba u tnejn, għal din il-kawża qaddisa, taw demmhom u ħajjithom, ir-reliġjużi għandhom jaħsbu kemm hija kbira din l-opra u kemm ġid għad tista' tagħmel ukoll illum fil-Knisja".

B'dawn il-ħsebijiet u b'dawn ix-xewqat, insellmulkom bħala aħwa u minn qalbna intukom il-Barka tagħna serafika.

*Assisi, Santa Marija ta' l-Anġli, festa tar-Serafiku Missierna San Franġisk, 4 ta' Ottubru, 1969.*

P. KOSTANTINU KOSER, O.F. M.
*Ministru Ġenerali.*

## XIII – Is-Santwarji tal-Palestina

# IS-SANTWARJU TA' S. GWANN BATTISTA

Kieku kellna nsaqsu lil min hu devot ta' San Ġwann Battista jew qara xi darba l-ħajja tiegħu, fejn twieled San Ġwann, dan malajr iwieġeb: "F'Għajn Karem". Imma kieku tistaqsih: "Għaliex f'Għajn Karem, meta l-Vanġelu ma jsemmi ti 39-40 ta' l-ewwel kap tal-Vanġelu tiegħu jikteb dan li ġej: "Qamet Marija f'dawk il-jiem u telqet bil-għaġġla lejn il-għolja, lejn belt ta' Ġuda u daħlet f'dar Zakkarija u sellmet lil Eliżabetta". Kif wieħed jista' jittendi malajr, San Lu-



Dehra ta' Għajn Karem.

l-ebda belt u raħal?" Dan żgur li ma jweġibx. Aħna f'dan id-daqsxejn ta' artiklu se nfittxu nwieġbu din il-mistoqsija.

L-Evanġelista San Luqa fil-verset-qa ma jsemmi l-ebda belt b'isimha, imma jgħid biss li Marija marret lejn belt ta' Ġuda, fejn kienet id-dar ta' Zakkarija.

Għaliex San Luqa, dejjem tant

eżatt fid-deskrizzjonijiet tiegħu, qatt ma jsemmi b'isimhom l-ibliet u l-irħula fejn għexu u ħadmu Ġesù, l-appostli, San Ġwann Battista u ›ant persunaġġi oħra? Inwieġbu bla tlaqliq: San Luqa aktar ried jagħti importanza lill-ġrajja li qiegħed jirrakkonta, milli lill-post fejn din il-ġrajja twettqet. Ta' dan li qed ngħidu nistgħu nġibu kemm-il eżempju. San Luqa ma jgħidilniex x'kien jismu d-deżert li fih mar jgħammar San Ġwann minn żogħżitu sakemm




**Il-Kappella fuq il-Grotta fejn twieled San Ġwann.**

Alla sejjaħlu biex jibda l-predikazzjoni tiegħu (Luqa 1, 80); ma jsemmix dik in-naħa tax-xmara Ġurdan fejn kien jipprietka u jgħallem (Luqa 3, 3); fejn għammed San Ġwann lil Ġesù (Luqa 3, 21); fejn Ġesù ġie ttentat mid-demonju (Luqa 4, 2). Mela żgur li mill-Vanġelu na nistgħu nġibru l-ebda tagħrif ta' l-isem tal-belt. Isemmi biss l-inhawi: "*fejn il-għolja, lejn belt ta' Ġuda*".

Fejn hi din il-belt? L-awturi, li kitbu l-ħajja ta' San Ġwann, semmew elf belt: Makeronte, Sebaste, Ġerusalem, Betlem, Juttaħ, Ġuda tat-tribù ta' Neftali, Bejt Sciaar u Bejt Scarieh, Ebron u Għajn Karem. Ħalli nifluhom waħda waħda.

MAKERONTE — Martiroloġġ antik ħafna jsemmi din il-belt bħala l-belt li fiha twieled San Ġwann. Hawnhekk għandna żball żgur, għax l-istorja tgħallimna li f'din il-belt San Ġwann ġie mitfugħ il-ħabs minn Erodi u f'dan il-ħabs bata l-martirju għax iddefenda l-virtù sabiħa tal-purità.

SEBASTE — Martiroloġġ ieħor, qadim huwa wkoll, isemmi l-belt ta' Sebaste. U hawn ukoll insibu żball, għax f'Sebaste San Ġwann ġie midfun u mhux imwieled.

BETLEM — Ħajja tal-Madonna tgħidilna li San Ġwann twieled ġo Betlem. Imma ma jġibu l-ebda raġuni ħlief l-awtorità ta' Agiopolita li kiteb il-ktieb.

ĠERUSALEM — U hawn għandna żball kbir, għax Ġerusalem, li kienet il-belt kapitali tas-saltna ta' Iżrael, ma tinsabx fost it-tribù ta' Ġuda, imma fost it-tribù ta' Benjamin.

BEJT SCARIAH — Din il-belt għandha titwarrab mill-ewwel. Min żamm din l-opinjoni rraġuna hekk: Scariah huwa l-isem ta' Zakkarija, mela f'Scarriah kien joqgħod missier San Ġwann. Imma dan l-isem insibuh sa minn żmien il-Makkabej,

u f'din il-belt ġiet ikkumbattuta ġlieda ħarxa bejn Ġuda Makkabew u Lisja, ġeneral ta' l-eżerċtu ta' Antijoku Epifane. L-istess nistgħu ngħidu dwar Bejt Saarieh li tinsab qrib ħafna Bejt Scarieh.

JUTTAH — Adrijanu Reland għallem li l-kliem *lejn il-belt ta' Ġuda* jridu jinftehmu għall-belt stess ta' Ġuda, Juttah jew Jota, belt saċerdotali 'l isfel minn Ebron.

Irridu ngħidu li wara l-eżilju s-saċerdoti u l-leviti ma kinux obbligati jgħixu aktar fl-ibliet saċerdotali, kif kien obbligahom Ġożwè; u għalhekk kienu jgħixu barra dawn l-ibliet. Hekk per eżempju Matatija, missier il-Makkabej u saċerdot huwa wkoll, kien igħix f'Modin li ma kenitx belt saċerdotali.

NEFTALI — Hekk żamm iċ-ċelebri Mons Le Camus. Imma fejn qatt "belt ta' Ġuda" nstabet fost "it-tribù ta' Neftali?"

EBRON — Kien il-wisq magħruf Baronio li żamm din l-opinjoni, u jekk illum din l-opinjoni għadha tinżamm minn xi ħadd, dan iżommha minħabba l-awtorità tal-Baronio. Għaliex *Ebron*? Għax Ebron kienet belt saċerdotali, anzi l-aqwa fosthom. Issa San Zakkarija kien saċerdot, u għalhekk San Ġwann twieled f'Ebron fejn kien qiegħed jeżerċita l-ministeru tiegħu Zakkarija.

Imma l-belt ta' Ebron ma kenitx l-unika belt saċerdotali, u għalhekk għaliex Zakkarija kellu tabilfors joqgħod f'Ebron u mhux f'belt oħra? Imbagħad il-belt ta' Ebron, wara li l-Lhud ġew meħuda lsiera f'Babilonja, kienet waqgħet f'idejn l-Idumej, u għalhekk kienet ikkunsidrata bħala belt Xiżmatika. Issa min hu dak li jaħseb li San Zakkarija, miżmum bħala bniedem ġust, kif igħidilna l-istess San Luqa, mar jgħammar f'post fejn kienu jgħixu dawn l-infidili, u għalhekk quddiem għajnejh ma kellux ħlief skandli u ksur tal-liġi?

Wara li warrabna waħda wara l-oħra l-opinjonijiet ta' ċerti kittieba, ma baqax ħlief ngħidu li biss *Għajn Karem* hija l-belt fejn kien joqgħod San Zakkarija u fejn twieled San Ġwann. Ir-raħal ta' Għajn Karem, li tfisser *Għajn tad-Dielja*, jinsab fuq ix-xaqliba tal-għoljiet li mil-Lvant jinxteħtu għan-naħa tal-Punent xi ħames mili bogħod minn Ġerusalem.

* * *

Dil-belt ta' Għajn Karem, li fiha twieled San Ġwann ma setgħetx taħrab l-attenzjoni tan-nies ta' dawk l-inħawi, għax kif jikteb San Luqa, meta twieled San Ġwann u missieru li kien tbikkem meta deherlu l-anġlu biex iħabbarlu t-twelid tiegħu, reġa' beda jitkellem wara li ta l-isem lit-tarbija "fl-igħla kollha tal-Lhudija kienu jitħadtu fuq dawn il-ħwejjeġ" (Luq. 1, 65). U tabilħaqq sa mill-bidunett l-ewlenin 'nsara ma nsewx dan ir-raħal li kien tant ixxurtjat li jara ż-żjara tal-Madonna lill-qariba tagħha Santa Elizabetta, li jilqa' fih it-twelid ta' San Ġwann u jisma' jidwu fih iż-żewġ għanjiet tal-*Magnificat* u tal-*Benedictus*.

Fl-aħħar snin tas-seklu IV l-insara bnew daqsxejn ta' knisja, kif jagħtina x'nifhmu San Pietru, Isqof ta' Sebaste fl-Armenja, fl-Apoloġija tiegħu fuq id-divinità ta' Ġesù: "Il-Knisja ta' Zakkarija fl-inħawi ta' *Aelia* (Ġerusalem) tixhed kif Marija telqet u marret għand qaribtha Elizabetta". Din il-knisja li nstabet ak-

tar tard, u li kienet iddedikata liż-Żjara ta' Marija lil Elizabetta, qiegħda f'Għajn Karem. Minn dan iż-żmien it-Tradizzjoni hija kollha favur Għajn Karem. Hekk iżomm ukoll l-Arċidjaknu Teodosju, (530) li jgħid li s-Santwarju jinsab xi ħames mili 'l bogħod minn Ġerusalem. Min kiteb il-*Commemoratorium* (808) kiteb ukoll li fil-Knisja ta' San Ġwann hija offiċjata minn żewġ saċerdoti u din il-knisja hija bogħod biss ħames mili minn Ġerusalem.

Semmejna l-knisja mibnija fis-seklu IV b'ġieħ iż-Żjara tal-Madonna lil Santa Elizabetta. Fis-seklu V inbniet knisja oħra b'ġieħ San Ġwann Battista. Din ġiet imtella' fuq il-għar li kellha d-dar ta Zakkarija, u li fih Santa Elizabetta wildet lil San Ġwann. Ma' din il-knisja kien hemm magħqud kunvent ta' patrijiet li ġie abbandunat meta l-Kroċjati telqu minn Ġerusalem. Kif it-tarfilna l-istorja, kemm il-knisja u kemm il-kunvent maż-żmien inbidlu f'remissa. Imma l-pellegrini xor-



**Kunvent tal-Patrijiet fuq il-Għar ta' San Ġwann.**

Traduzzjoni sajdika tal-Vanġelu ta' San Luqa, u traduzzjonijiet oħra bl-Għarbi, li huma wżati mill-Kopti, bidlu l-kelmiet *in montana* mal-kelma *Għajn Karem*. Issa t-test ta' San Luqa ġie jinqara hekk: "Qamet Marija f'dawk il-jiem u telqet bil-għaġġla lejn Għajn Karem, belt ta' Ġuda".

Mill-Kroċjati 'l hawn, jekk tneħħi xi eċċezzjoni, it-Tradizzjoni hija aktar komuni. Il-pellegrini ma żarux ħlief dan il-post. Għalhekk Għajn Karem għalina huwa r-raħal fejn twieled San Ġwann Battista.

ta waħda baqgħu jmorru jżuruhom.

Fl-1485, il-Patrijiet 'Franġiskani xtraw il-grotta ta' San Ġwann, dawruha kollha kemm hi b'ħajt, u kull sena kienu jinżlu minn Ġerusalem biex jagħmlu l-festa ta' San Ġwann. Araw kif Bonifaċju minn Ragusa fl-1661 jirrakkonta dan il-fatt: "Il-Patrijiet Franġiskani ta' Ġerusalem u Betlem — jikteb Bonifaċju — jinżlu kull sena f'San Ġwann in Montana biex hemm ikantaw l-Għasar tal-festa ta' San Ġwann Battista, il-Matutin f'nofs il-lejl u l-Quddiesa Solenni filgħodu, li għaliha

jassistu l-Latini, il-Maroniti u s-Sirjani".

Fl-1621 il-Kustodju ta' l-Art Imqaddsa, Patri Tumas minn Novara, xtara l-knisja u l-kunvent il-qadim u bagħat joqgħodu hemm xi patrijiet. Meta ġie biex jibni mill-ġdid il-knisja, qamet rewwixta kbira u l-patrijiet kellhom jaħarbu. Indaħal għalhekk l-Ambaxxatur ta' Franza, il-Markiż Di Nointel, u qala' l-permess minn Kostantinopli biex jibda x-xogħol tal-bini tal-knisja, xogħol li, mibdi fis-sena 1675, ma sipċċax ħlief fis-sena 1690.

Il-bini l-ġdid ma ħassar xejn missbuħija tal-knisja l-qadima, għax il-patrijiet fittxew li jibnuha xorta waħda bħalma kienet.

Il-knisja għandha tliet navati: fin-navata tax-xellug hemm il-grotta li fiha twieled San Ġwann. Fuq it-tieni navata hemm mibnija koppla sabiħa. Sa ċertu għoli l-ħitan tal-knisja huma miksija b'madum kaħlani. L-artal maġġur huwa dedikat lil San Ġwann Battista, u fuqu hemm statwa sabiħa tal-Kunċizzjoni. Il-kappella tal-lemin hija dedikata lil Santa Elizabetta. biex tidħol fil-grotta ta' San Ġwann trid tinżel seba' tarġiet ta' l-irħam abjad. Fuq l-arkata hemm imnaqqxa l-ewwel kliem tal-*Benedictus*. Il-Grotta li hija mdawla biss mid-dawl tal-lampieri għandha madwar l-artal maġġur ħames bassorilievi ta' l-irħam abjad li jirrappreżentaw ħames ġrajjiet tal-ħajja ta' dan il-qaddis. Fil-knisja hemm żewġ pitturi famużi, waħda tirrappreżenta lil S. Ġwann fid-deżert, magħmula mill-iskola tal-Murillo, u l-oħra l-martirju ta' San Ġwann, impittra mir-Ribalta, awtur Spanjol tas-seklu XVII. Hemm ukoll żewġ statwi ta' San Franġisk ta' Assisi u Santa Kjara skolpiti minn Duminku Costantantino fl-1879.

Meta fis-sena 1885 kienu qegħdin iħaffru biex jibnu d-daħla tal-knisja, sabu kappella twila 14-il jarda li fiha kien hemm żewġ oqbra mħaffrin fil-blat. Biċċa mużajk kollha fjuri, pavuni u perniċi għandha fuqha minquxa l-kliem: "Is-sliem, martri t'Alla". Kien dan forsi l-qabar fejn kienu midfuna t-trabi innoċenti maqtulin mill-kiefer Erodi?



**San Ġwann iż-Żgħir.**

Fl-1941-42 Patri S. Saller O.F.M., kixef kappella oħra bi tliet navati twila 16-il jarda. Il-paviment kien miksi bil-mużajk ta' ħafna kuluri. L-inħawi tal-knisja huma miżgħudin b'għerien, mimlijin ċaqquf ta' żmien ir-Rumani; instabet fihom

ukoll statwa ta' Venere u biċċa statwa oħra li x'aktarx kienet tirrappreżenta lil Adone. Dan il-kxif arkeoloġiku juri biċ-ċar li Għajn Karem kienet sa minn żmien il-qedem imgħammra.

Illum ħafna mid-djar ta' Għajn Karem jinsabu mġarrfa u abbandunati, ħtija tal-gwerer bejn il-Lhud u l-Għarab. Dawn ta' l-aħħar ħarbu quddiem l-avanzata Lhudija, abbandunaw djarhom u sal-lum għadhom igħixu f'kampijiet kbar, min fil-Ġurdan u min fis-Sirja. Din hija waħda mill-kwistjonijiet kbar li ħalliet warajha l-gwerra. Hija l-kwistjoni tar-rifuġjati Għarab. Jalla wkoll hawn f'din l-art qaddisa li rat it-twelid tal-Prekursur ta' Ġesù, terġa' lura ssaltan il-paċi.

P. MIKIEL CATANIA, O.F.M.

# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

## KAPITLU STRAORDINARJU TA' L-ART IMQADDSA

Fil-Kulleġġ ta' l-Art Imqaddsa ta' Nikosija, Ċipru, inżamm fil-jiem 19 ta' Ġunju — 20 ta' Lulju 1969, il-Kapitlu straordinarju ta' l-Art Imqaddsa biex jiġu mġedda r-regolamenti tal-Kustodja, kif jitolbu d-digrieti tal-Konċilju Vatikan II u l-Kostituzzjonijiet ġodda ta' l-Ordni. F'dan il-Kapitlu ħadu sehem 50 reliġjuż Franġiskan, u matulu d-delegati kellhom laqgħa mal-Beatitudni Tiegħu Mons. Makarios, President tar-Repubblika ta' Ċipru.

* * *

## RIGAL TA' QANPIENA

Il-Kustodju tat-Terra Santa, b'tifkira tal-Kapitlu straordinarju fuq imsemmi, tat b'rigal lill-Knisja Griega - Ortodossa ta' San Demetriju qanpiena mdaqqsa. Id-diskors ta' l-okkażjoni ġie magħmul bil-Grieg mir-Revdu P. P. Franzidis, O.F.M., li, fost ħwejjeġ oħra, qal: "Kull darba li nisimgħu d-daqq ta' din il-qanpiena, inħossuna magħquda magħkom u nfittxu li magħkom naqsmu l-ġrajjiet reliġjużi u familjari ta' din il-popolazzjoni".

* * *

## LAQGĦA TAL-KUMMISSARJI TAD-DINJA KOLLHA

Mis-17 sat-22 ta' Novembru 1969, inġabru f'Nazaret il-Kummissarji ta' l-Art Imqaddsa tad-dinja kollha, biex jeżaminaw fl-ispirtu tal-Konċilju Vatikan II il-problemi ġodda li jinħolqu minn żmien għal żmien. Ġiet imgħarbla wkoll il-qagħda maħluqa fl-Art Imqaddsa bl-aħħar gwerra bejn l-Għarab u Iżrael. Għalkemm mistieden, ma setax imur għal din il-laqgħa l-Kummissarju ta' l-Art Imqaddsa ta' Malta, ir-Rev. P. Lettur Nikola Magro, O.F.M., għax kien marid serjament, marda li, kif ħabbarna fil-ħarġa ta' Jannar li għadda, wasslitu għall-qabar. Filwaqt li nitolbu lill-qarrejja biex jiftakru f'ruħu, inħajruhom ukoll biex ma jinsewx fit-talb tagħhom il-ħtiġijiet ta' l-Art Imqaddsa.

# IL-PAPIET U L-ART IMQADDSA



GREGORIO IX 1227

Jekk taħsbu ftit fl-ispirtu reliġjuż u fil-ħidma tal-Patrijiet Minuri, tistgħu malajr tindunaw li huma ma jfittxux il-ġid tad-dinja, għax ma jistgħux ifittxuh minħabba l-wegħda tassejħa tagħhom... Għalhekk inwissu u nħajru lill-Patrijarki, lil-Legati Apostoliċi, u lill-Isqfijiet biex igħinuhom fil-ħidma tal-apostolat tagħhom.



CLEMENTE VI 1342

Is-Slaten ta' Napli nefqu flus kbar ħafna u wara ħafna tfixkil qalgħu minn għand is-Sultan ta' Babilonja li l-Patrijiet Franġiskani jkunu jistgħu jgħammru fl-Art tal-Fidwa tagħna u hemm jagħtu qima 'l Alla . . . Għalhekk nordnaw li s-Superjuri tal-Ordni (kif talbuna s-Slaten ta' Napli u s-suċċessuri tagħhom) jibagħtu xi reliġjużi minn kull naħa tad-dinja sakemm jilħaq in-numru meħtieġ.



MARTINO V 1421

B's-setgħa tagħna . . . filwaqt li nikkonfermaw is-sentenza tal-Patrijarka Gradense . . . nagħtu lill-istess Patrijiet Minuri l-pussess għal dejjem ta' dawn il-postijiet: I-Għolja ta' Sijon, il-Qabar ta' Kristu, l-Għar tat-Twelid ta' Kristu, u l-Qabar tal-Verġni Mqaddsa Marija . . . u nagħtu s-setgħa lis-Superjuri u lill-Patrijiet tal-Għolja ta' Sjon li jgħażlu Prokuratur jew Kummissarju li jkollu d-dmir li jiġbor, fost l-insara, is-somom ta' flus meħtieġa.



CALLISTO III 1456

Lis-Superjuri ta' Ġerusalem u lill-Patrijiet ta' l-Art Imqaddsa nagħtu s-setgħa li jibagħtu lill-patrijiet f'kull naħa tad-dinja biex jiġbru l-offerti biex bihom ikunu jistgħu jinżammu bla ħsara l-Artijiet Imqaddsa. Nagħarfu wkoll li d-djar li jinsabu fl-Asja u li ġew lilhom mogħtija u li huma aċċettaw, għandhom jibqgħu f'idejhom għal dejjem . . . u nagħtuhom ukoll 'l-permess li jistgħu jirċievu u jibnu oħrajn ġodda. Jistgħu wkoll isejħu beix joqogħdu magħhom patrijiet oħra u li jilqgħu 'l dawk li minn jeddhom jixtiequ joqogħdu jgħixu fl-Art Imqaddsa.



URBANO VIII 1642

Irridu u nordnaw . . lill-Patrijarki, lill-Arċisqfijiet, lill-Isqfijiet u lis-Superjuri l-oħra u lilkom Superjuri Ġenerali tal-Ordnijiet Reliġjużi u tal-Kongregazzjonijiet i għallinqas darbtejn fis-sena — fir-Randan u fl-Avvent — kemm permezz ta' prietki, kemm bit-tagħlim, u kemm b'funzjonijiet pubbliċi, ma jonqsu qatt li juru u jgħarfu lill-fidili l-ħteġijiet ta' l-Art Imqaddsa u nirrikmandaw ukoll li jfittxu li jgħinu bl-offerti skond il-ħteġijiet li għandhom.



PIO VI 1778

Bħal predeċessuri tagħna, aħna mħassbin ħafna u nixtiequ minn qalbna li kif jitolbu u l-ġieħ tal-qima ta' l-Artijiet Imqaddsa u l-bżonnijiet tal-istess Reliġjużi tal-Missjoni u tal-opri ta' karità li qegħdin iwettqu, ikun magħmul kif ordnaw il-Predeċessuri tagħna li aħna rridu nġeddu u nkabbru. Għalhekk nordnaw lill-Kappillani u lir-Retturi ta' Knejjes li jfissru mill-aħjar lill-fidili ma' tul is-smiegħ tal-Quddiesa l-istat miżeru ta' dawk il-Postijiet Imqaddsa u tal-Insara li fihom jgħammru. Barra minn dan jgħażlu huma nies ta' min jafdhom biex jiġbru l-offerti tal-insara.

xi għan ieħor. Għalhekk irridu li l-offerti miġbura jiġu mogħtija lill-Isqof, l-Isqof imbagħad jgħaddihom lill - Kummissarju Franġiskan ta' l-Art Imqaddsa tal-post l-aktar qrib, u dan ifittex mal-aktar fis li jibgħathom, kif soltu, lill-Kustodju tal-Postijiet Imqaddsa ta' Ġerusalem.



PIO IX 1846

Ulied S. Franġisk wieġbu b'mod ta' min ifaħħru għassejħiet tal-Papiet għax ma ħarbu mill-ebda tbatija u taħbit, u kemm-il darba esponew ħajjiethom għall-mewt biex ikomplu l-missjoni f'idejhom fdata.



LEONE XIII 1887

Bil-qawwa tas-setgħa tagħna apostolika rridu u nħeġġu lil-ħutna l-Patrijarki, l-Arċisqfijiet, lill-Isqfijiet u lis-Superjuri l-oħra kollha ta' kull naħa tad-dinja li f'kull knisja parrokkjali tad-Djoċesi, għallinqas darba fis-sena, u sewwasew fil-Ġimgħa tal-Ġimgħa l-Kbira jew f'jum ieħor magħżul mill-Isqfijiet, li jirrikkmandaw lill-fidili l-ħteġijiet tal-Postijiet Imqaddsa.

U bl-istess setgħa tagħna espressament nipprojbixxu li dawn l-offerti, miġbura b'risq l-Art Imqaddsa, jiġu wżati għal



PIO XII 1947

J'ja magħrufa sewwa lilna bla heda li intom il-Patrijiet twettqu f'dawk il-postijiet qaddisa biex id-dawl tal-virtù nisranija jiddi sħiħ fl-imħuħ, biex l-aħwa mifruda jerġgħu jħaddnu l-għaqda nisranija, biex il-ħafna opri ta' tjieba u ta' karità li intom bdejtu u qegħdin tmexxu jikbru dejjem u jagħtu frott tajjeb u ta' siwi . . . Komplu mela x-xogħol li diġa bdejtu... Is-Serafiku Missierkom S. Franġisk — li ħabb tant u għożż dawk il-Postijiet Qaddisa u li kien imkebbes mix-xewqa li jwettaq ħidma ta' apostolat fost il-ġnus tal-Lvant — iġeddidkom, iwiżinkom, imexxikom u mis-sema jgħinkom bil-wisq qawwi patroċinju tiegħu.

**Ġibna xi siltiet minn dak li qalu u għallmu l-Papiet ma' tul is-sekli; hemm stqarrijiet oħra ta' Papiet li isimhom ma jidhirx hawn, għax aħna ridna nuru li l-imħabba tal-Papiet lejn l-Art Imqaddsa kienet kontinwa sa minn meta s-Serafiku Missierna San Franġisk rifes fuq dik l-art qaddisa ma' dwar seba' mija u ħamsin sena ilu. Stajna semmejna wkoll il-Papiet Innoċenz X, Innoċenz XI, Piju X, Beneditt XV u Piju XI. Imma dak li ġibna jidhrilna li huwa biżżejjed.**

# L-IBEN PRODIGU: X'KONT NAGHMEL JIEN?

*Ta' NORBERT ELLUL-VINCENTI, O.F.M.*

### IL-PARABBOLA

Huwa donnu sagrileġġ li wieħed jikkummenta fuq il-parabbola ta' l-iben prodigu għaliex għal sekli sħaħ hija kienet dejjem meqjusa ġawhra fost il-ġawhar li Ġesù ħalliena fil-parabboli tiegħu. Għadni niftakar kif ta' tifel żgħir issaħħart meta smajtha għall-ewwel darba, għax l-istejjer kont inħobbhom daqs it-tfal l-oħra, imbagħad ħallini biex nistaqsi, il-għaliex l-iben "brodu" ma kienx kuntent f'dar missieru, u kif spiċċa meta kiber iżjed u forsi wkoll ried jiżżewweġ. Imma naturalment, parabbola ma tgħidilniex l-istorja kollha; u lanqas trid tgħidilna l-istorja kollha, għax il-għan tagħha huwa li tgħallem lezzjoni, u tagħlqilna ħalqna għal kull mistoqsija li ma għandhiex x'taqsam ma' dik il-lezzjoni.

### FUQ IL-PALK

Sewwa sew kelli ħames snin meta rajt din il-parabbola maħduma fuq il-palk tas-Sależjani tas-Sliema, u tgħidx kemm konna nieħdu pjaċir aħna t-tfal nisimgħu b'dak l-imbierek tifel li xejn ma kien għaqli, imma li missieru ħafirlu, fl-aħħar, u biddel ħajtu mdejqa f'waħda ta' kuntentizza.

Irridu nammettu li l-arti ta' l-istorja kif inhi mogħtija lilna minn Ġesù ma tistax titjieb, imma hemm ħafna x'wieħed jista' jgħid biex iwarrab id-diffikultajiet li hemm biex wieħed jifhem imħabba kultura u lingwaġġ imbiegħed ħafna minn dak tas-seklu għoxrin. Imbagħad il-parabbola nnifisha għandha tant x'wieħed igħid li l-apprezzament tagħna dejjem jikber ma' l-istudju u kontemplazzjoni tagħna.

L-ewwelnett ta' min igħid li l-popolarità ta' din il-parabbola tat tifsir ħażin lill-kelma "prodigu", bħallikieku din tfisser, 'penitenti', filwaqt li proprjament din il-kelma ma tfisser xejn anqas minn 'ħali'; wieħed li ma jagħtix lill-affarijiet l-importanza li ħaqqhom.

### XI TFISSER?

X'inhi l-lezzjoni tal-parabbola? Il-ħniena ta' Alla lejn il-midneb, jew il-ħażen ta' min huwa supperv u jaħseb li hu biss huwa ħabib ta' Alla, u jgħir għal għiru, donnu ma għandux pjaċir li dan jirritorna fi ħdan Missieru ħanin.

In-narrativa nnifisha għandha diviżjonijiet li jikkorrispondu għal dawn iż-żewġ idejat. L-ewwel diviżjoni tpoġġi quddiem għajnejna l-ingratitudni ta' l-iben ħali li ma jagħrafx juża tajjeb ir-rigali ta' Missieru li jħobbu. It-tieni, tipprotesta kontra l-ħruxija ta' l-aħwa meta t-tieni iben jara l-laqgħa kbira li l-missier għamel lill-ieħor, li darba kien ħażin, imma issa nidem. Ma ninsewx li l-ħrafa tispiċċa billi l-missier iċanfar b'mod ġentili, imma sod, lil dak ibnu li qatt ma kien

ċaħdu jew telqu biex iberbqu flusu.

Meta nħarsu lejha b'dan il-mod, il-parabbola bilfors titlob minn għandna l-karità umana lejn il-midneb migdum; mhux biżżejjed nagħmlu enfasi fuq il-ħniena t'Alla, imma jeħtieġ ukoll li ma nħallux barra r-relazzjonijiet tal-bnedmin. Jekk ma nagħmlux hekk, il-parabbola tiġi tispiċċa fin-nofs, mal-maħfra talmissier — filwaqt li l-bqija jiġi qisu denb miżjud għas-simetrija.

## TLIET PARABBOLI

Biex nifhmu din il-parabbola, bħal f'ħafna każijiet oħra fil-Vanġelu, ma rridux ninsew il-kontest fil-Vanġelu ta' San Luqa. Il-kapitlu 15 jibda billi l-Fariżin u l-kittieba jgergru kontra Ġesù talli huwa kien jiekol u jitkellem mal-midinbin u l-Publikani (il-Publikani kienu razza ta' nies mibgħuda sewwa minħabba li huma kienu jiġbru t-taxxa għar-Rumani, u kultant kienu jieħdu anki iktar milli ħaqqhom!). Imbagħad San Luqa jagħti żewġ parabboli oħra qabel dik ta' l-Iben il-Ħali. waħda fuq in-nagħġa mitlufa, u l-oħra tad-dramma misjuba, li t-tnejn jitkellmu fuq kemm hi siewja l-konverżjoni ta' midneb wieħed minkejja l-valur tal-maġġoranza li ma jinħtieġu ebda konverżjoni.

Dawn iż-żewġ parabboli jipparagunaw il-valur tal-bhejjem u l-flus li darba kienu mitlufa ma' dak ta' ruħ issa nidmet. Fil-parabbola ta' l-Iben il-Ħali l-valuri huma aktar umani. Biss hemm differenza imporportanti ħafna bejn dawk l-ewwel żewġ parabboli u din: li filwaqt li hemmhekk ma għedna xejn fuq ittajbin li setgħu offendew ruħhom meta jaraw l-importanza ta' dak li darba kien mitluf u issa nstab, f'din ta' l-aħħar, Ġesù jaħseb biex iġib fid-dieher ir-raġuni l-għaliex inqalgħet il-ħtieġa tat-tliet parabboli, jigifieri, it-tgergir tal-Fariżin u kittieba li ma ħamlux jiekol mal-ħżiena li huma kienu jistmerru.

Hawn wieħed irid joqgħod attent biex ma jaqax f'nuqqas ta' karità lejn sezzjoni sħiħa ta' nies. Mhux il-Fariżin kollha kienu ħżiena għal-



L-Iben Prodigu.

kemm il-Vanġelu jidher li qiegħed jikkundannahom ilkoll. Nafu fiżżgur li Nikodemu u Ġużeppi ta' Arimatea, kienu nies tajba għalkemm Fariżin. Ħafna mill-ewwel Insara, ukoll, kienu Fariżin. U għalhekk nistaqsu: "Jista' wieħed japplika

l-parabbola ta' l-Iben il-Ħali mhux biss għall-għedewwa ta' Ġesù, imma wkoll għal dawk li kienu tajbin fosthom — u permezz tagħhom nifhmu l-parabbola għalina wkoll — biex huma (u aħna) nitgħallmu nifirħu ma' Ġesù, u ma ngħirux għall-ġid spiritwali tal-proxxmu tagħna?" Għala le? Min jista' jifhem ħalli jifhem.

**DETTALJI**

U issa ngħaddu għad-dettalji tal-parabbola. Sehem it-tifel, mill-ġid ta' missieru kien terz, il-għaliex il-liġi, skond id-Dewteronomju (21: 17) kienet tagħti lill-primoġenitu sehem doppju mill-ġid tal-wirt.

Il-pajjiż imbiegħed li fih mar l-Iben il-Ħali, ma nafu xejn fuqu, apposta, għax mhux importanti għat-tagħlima. Imma biex it-tagħlima tkun ċara għal-Lhud, Kristu jsemmi pajjiż fejn kienu jrabbu l-ħnieżer, li għal-Lhud kienu bhejjem l-aktar impuri u kkundannati. Ix-xogħol li sab dan l-iben kien bħala gwardjan tal-ħnieżer, ukoll huwa dirett lejn il-Lhud li dawn żgur kienu jqisuh bħala l-ikbar insult għal wieħed Lhudi bħalhom.

**L-GĦOĠOL IMSEMMEN**

L-indiema ta' dan l-iben tidher li kienet sinċiera, wara li l-esperjenza tal-ħajja għallmitu li ħbieb qarrieqa jabbużaw minn egojiżmu ta' wieħed bla moħħ. Huwa jiddeċidi li jaċċetta rekonċiljazzjoni ma' missieru taħt kwalunkwe kondizzjoni.

Tolqotna ħafna kif il-missier joħroġ jiġri minn ġewwa daru biex ibusu. Mhux ta' b'xejn din il-parabbola hija meqjusa bħala regola li fuqha timxi l-ħniena t'Alla magħna. Fil-parabbola, il-missier jaħfer lit-tifel bħallikieku dan ma kien għamel ebda ħażen. L-iben jistqarr dnubietu sa l-inqas dettal, filwaqt li l-missier jagħmar fis l-unuri kollha għal dan ibnu li kien mitluf u issa nstab. L-għoġol imsemmen, li kien jinżamm fid-djar kollha li setgħu jagħmlu dan, u li kien dejjem lest għal xi okkażjoni urġenti bħal din, jiġi maqtul!

**X'KONT NAGĦMEL JIEN?**

Dwar l-iben il-kbir, Ġesù ma jagħti xejn x'tifhem li dan kien naqas lil missieru f'xi ħaġa. Mhux biss dan, imma, anki bħalissa, meta wasal lura l-Iben il-Ħali, huwa kien qiegħed barra fl-għelieqi. Lanqas biss kien jaf, sa l-aħħar mument għalfejn dan is-sfin u dan il-għana!

F'din il-parabbola ma hemm xejn x'jagħti tifhem li l-missier kien jippreferi wieħed mill-ieħor. Anzi, biex żgur ma naħsbux dan, il-missier jammetti l-argument tat-tifel il-kbir, imma mbagħad jirbattih billi jurih il-ħniena tiegħu, għal dak li qabel kien mitluf. Nistgħu ngħidu li Ġesù jrid jgħallimna bħal drabi oħra li l-ġenerożità t'Alla ma' bniedem ma tnaqqasx mill-ġustizzja tiegħu lejn ieħor. Jekk verament nemmnu li aħna lkoll aħwa taħt missier wieħed ma għandniex għalfejn ngħiru għal xulxin.

Ma nafux x'ġara wara. L-iben il-kbir mar jew ma marx jifraħ b'ħuh fl-ikla li ħejjielu missieru? Min jaf. Ġesù ma jgħidx għax mhux meħtieġ għat-tagħlima tal-parabbola. Imma jista' kull wieħed minna jistaqsi: *Kieku kont jien x'kont nagħmel?* Jew aħjar: *X'qiegħed nagħmel?*

## Il–In-Nisa ta' l-Iskrittura Mqaddsa

# SARA

## Sabiha u ghajjura, ta' 90 sena jkollha tarbija

Għanja tradizzjonali Taljana għandha, fost ħwejjeġ oħra, din l-istrofa: *"Sabiħa daqskemm int gid-dieba u belgħa"*. Ma tantx hu ċertifikat tajjeb għal mara li trid tiż-żewweġ, imma llum l-irġiel, mogħ-mija mis-sbuħija tas-sieħba li jagħ-żlu, ftit jagħtu każ tal-karattru mo-rali u reliġjuż tagħha.

U l-Patrijarka Abram, *missier dawk li jemmnu*, missitu din ix-xor-ti, li kellu jiżżewweġ mara ta' din ix-xorta. Sara kienet mara sabiħa ħafna (Ġen. XII, 11 u 17), imma kienet xi ftit giddieba u belgħa. L-Iskrittura Mqaddsa tgħidilna li isim-ha f'xi żmien ġie mibdul minn Alla, li mar igħid lil Abram żewġha: "Issejjaħx aktar lil martek bl-isem ta' Saraj, imma bl-isem ta' Sara". X'kien ifisser l-isem Saraj ma nafux, nafu li l-isem Sara jfisser *prinċipes-sa.* Barra milli kienet mart Abram, Sara kienet ukoll oħtu għax mis-sierha kien miżżewweġ darbtejn. Ġużeppi Flavio u San Ġirolmu jgħi-dulna li ommha kien jisimha *Jeska*, bint Ħaram u Lot.

Sara kienet tħobbu lil Abram u kienet tħobbu b'imħabba tal-ġenn; ħafna drabi din l-imħabba ġagħlit-ha tbati ħafna, imma hi ma kenitx tagħti każ tat-tbatija; dak li kienet tfittex hu li tara lil żewġha kuntent u hieni. Biex ma tinfiridx minn żewġha kellha tħalli lil niesha, tit-biegħed minn art twelidha u mie-għu tiġġerra minn post għall-ieħor, minn pajjiż għal pajjiż fi vjaġġi twal u perikolużi. Ħajjitha għad-dietha taqdi lil żewġha, tagħmillu l-ħobż, taħsillu riġlejh mimlija trab u tajn minħabba l-ġiri fix-xagħri, taħt l-imrieżaq qawwija tax-xemx tal-Lvant fis-sajf, u taħt ix-xita fiż-żmien qasir tax-xitwa. Il-mewt biss firditha minn żewġha.

*    *    *

Sara, għedna, kienet tħobb lil żewġha b'imħabba tal-ġenn, u ma għandniex xi ngħidu Abram ukoll kien miġnun warajha, għalkemm ħajtu ma tantx setgħet tkun kun-tenta minħabba li għal żmien twil ma kellux tfal. U Abram xtaqhom it-tfal, għax ried isir missier ta' ġens kbir, kif kien wegħdu Alla (Ġen. XVII, 4-5). Sara kienet imħassba ħafna u mdejqa; riedet tikkuntenta lil żewġha u ma setgħetx. U Ab-ram kien jinsab bejn ħaltejn: jew jiċċaħħad mit-tfal għal dejjem u jaqta' jiesu mill-wegħda t'Alla, jew jagħżel mara oħra, kif kienet tip-permettilu l-liġi.

Sara kienet tħobbu lil Abram; riedet taqtagħlu xewqtu. Għaliha kienet umiljazzjoni kbira u għal Abram prova kbira ta' fidi.

*    *    *

Fost id-difetti li, ta' bniedem li kien, Abram seta' jkollu, żgur li

ma kienx għajjur; jew, jekk kien, raġunijiet oħra ta' tbatija u mewt ġagħluh li ma jurix. Għax għal darbtejn ħalla lil martu tmur ma' ħaddieħor biex jeħles mill-mewt.

Kien hemm żmien li waqa' ġuħ kbir fl-inħawi fejn Abram kien qiegħed igħix. Qabad jimxi għal għonq it-triq u sab ruħu fuq dik, li tagħti għall-Eġittu. X'ħin kien għoddu wasal biex jaqsam il-fruntiera, dar fuq martu u qalilha: "Naf li inti mara sabiħa; issa kif jarawk l-Eġizzjani jgħidu: 'Hija martu' u joqtlu lili biex isalvaw lilek. Nitolbok għalhekk biex tgħid li inti oħti; hekk lili ma jagħmluli xejn, u nibqa' ngħix biex inkun tiegħek" (Ġen. XII, 11-13). U ġara kif ħaseb Abram. Kif Abram u Sara daħlu fl-Eġittu, iltaqgħu ma' xi Eġizzjani li bilġri telqu jgħidu lis-sultan tagħhom li ltaqgħu ma' mara tassew sabiħa. U Sara, biex żewġha ma jiġix maqtul, marret toqgħod mas-sultan. Tagħtu ġisimha, iżda mhux qalbha.

Imħasseb is-sultan minħabba l-kastigi li waqgħu fuqu u fuq il-familja tiegħu, sejjaħ lil Abram, ċanfru għax kien daħak bih u taħ lura lil Sara.

Dan il-fatt tenna ruħu meta Abram, wara li telaq mill-Eġittu u xeħet it-tined tiegħu bejn Cades u Sur, mar f'Gerara fejn kien isaltan Abimelek. Kif dan is-sultan sar jaf li Sara kienet oħt Abram, bagħat għaliha u ħadha bħala martu (Ġen. XX, 2). Hawn ukoll indaħal Alla li hedded lil Abimelek li jikkastigah kemm-il darba ma jeħlisx lil Sara u jagħtiha lura lil Abram.

* * *

U ż-żmien għaddej; ix-xagħar jibjad; il-wiċċ jitkemmex; u Sara titlef kull tama li tagħmel hieni lil żewġha, billi tnissillu tarbija. F'mument tassew kbir ta' mħabba għal żewġha, twebblu biex jara jistax jixtri tarbija permezz ta' l-ilsira tagħha. "Ara — qaltlu — jiena ma jistax ikolli tfal; aqbad l-ilsira tie-



Sara, mart Ġakob.

għi u ara jekk jistax ikollok tfal minnha" (Ġen. XVI, 2). U Abram jieħu l-ilsira Eġiżjana Agar u jkollu tifel minnha (Ibid. XVI, 4). U hawn jibdew it-tribulazzjonijiet ta' Abram u ta' Sara. Sara tibda tgħir, għax beżgħet li l-ilsira sejra tisraq qalb Abram. Naħseb li tafu x'taf

tagħmel l-għira; tnissel fil-qalb tal-bniedem l-agħar sentimenti. Il-bniedem jinsa li hu bniedem u jsir annimal. Sara bdiet taħqar lil Agar u lil binha, b'mod tali li Agar ma felħitx aktar u ħarbet b'binha fid-deżert ta' Sur, u żgur ma kinetx terġa' lura, kieku ma dehriliex anġlu t'Alla u stedinha biex terġa' lura (Ġen. XVI, 6-9). U sadattant Sara baqgħet tiġġerra wara Abram b'ġibda akbar għax beżgħet li se titilfu.

* * *

Saflaħħar għal Sara daqqet is-siegħa tal-ferħ. Kellha disgħin sena, u Abram mija, meta kellhom tarbija, li semmewha Isaak. Meta Alla nnifsu ħabbar lil Sara l-aħbar tat-tarbija, din ma emmnitx. U kollha daħk marret tgħid: "Jiena issa xiħa, u żewġi huwa ixjeħ minni; kif sejrin nerġgħu naqgħu għall-pjaċiri ta' żogħżitna?" (Ġen. XVIII, 12). Aqraw daqsxejn id-djalogu li għadda bejn Sara, Abram u Alla kif jiġi rrakkuntat mill-ktieb tal-Ġenesi fil-kapitlu XXI u taraw kemm ma kenitx sinċiera Sara; għall-kuntrarju gidbet u wriet ruħha tassew bla karattru.

Meta sabet li ħarġet tassew tqila, u meta biż-żmien it-tarbija twieldet qawwija u sħiħa, ma kienx hemm tarf ta' hena li Sara ma ġarrbitx. Mill-bqija matul l-aħħar jiem ta' ħajjitha ma għamlitx ħaġ'oħra ħlief tidħak biha nnifisha meta kienet tiftakar li, fi xjuħitha, nisslet u wildet tarbija. Imma żgur li ma daħkitx Agar l-ilsira u binha Ismaele li, imkeċċija minn dar Abram, għaddew il-bqija ta' ħajjithom jiġġerrew fid-deżert ta' Bersabea (Ġen. XXI, 14).

Sara, li kienet imżejna b'tant sbuħija, ma kellhiex qalbha mimlija b'daqshekk ieħor ġmiel.

IR-RAĦEB.

## ĠAĦAN KELLU ŻEWĠ BIBIEN

Ġaħan ried jeħles minn xi nies li mid-dehra ma tantx kienu jogħġbuh. Għalhekk qal lill-mara: "Xħin jiġu dawk in-nies iħabbtu l-bieb, għidilhom li jien m'inhiex hawn". Hekk għamlet il-mara; imma dawk qalulha: "Kif jista' jkun li mhuhiex hawn, meta rajnieh deħel". Il-mara tmasħnet ħafna u kienet ġejja fl-idejn li kieku ma tfaċċax Ġaħan mit-tieqa, sejħilha u qalilha: "Għidilhom li d-dar tagħna għandha żewġ bibien; dħalt minn wieħed u ħrigt mill-ieħor".

## ĠAĦAN U N-NISA

Ġaħan kellu żewġ nisa li kienu jgħiru tassew għal xulxin. Darba fost l-oħrajn staqsewh: "Ġaħan 'il min tħobb l-aktar fostna?" Ġaħan kollu ħieni, wieġeb: "Inħobbkom it-tnejn xorta waħda". Waħda minnhom ma baqgħetx kuntenta bit-tweġiba u qaltlu: "Ġaħan, jekk inkunu se ngħerqu t-tnejn 'il min issalva?" Ġaħan ħasibha ftit, dar fuq ix-xwejħa u qalilha: "Irrid naħseb li inti taf tgħum ftit"!

# MARIJA ... U INT

## Meditazzjonijiet fuq il-hajja tal-Madonna

### I. — KOLLOK SABIĦA . . .

Kollok sabiħa . . ., kollok grazzjuża . . . ., mimlija bil-grazzja! Kliem ta' mħabba u tenerezza! Espressjoni ta' qalb li taf tħobb lill-maħbuba!

U b'dan il-kliem l-anġlu mibgħut minn Alla mar isellem lil Marija f'dak il-jum li l-kobor t'Alla tlibbes bil-ġisem fqajjar tagħna!

Xena li ssaħħar! Kliem li jdegħxek! Aħbar ta' sorpriża l-aktar kbira — xebba bla raġel issir l-Omm t'Alla! Il-mibgħut t'Alla jinżel mill-għoli tas-smewwiet f'dar fqajra, ġo raħal moħbi minsi mid-dinja (Nazaret), ikellem lil tfajla li ħadd ma jaf biha. Kienet tfajla mistħija, imma kollha sabiħa din Marija! Kien misteru kbir dan, imma ġrajja li biddlet id-dinja u qalbet l-istorja tal-bniedem!

Aħseb ftit f'dak il-jum li fih l-anġlu deher lil Marija, il-jum ta' l-annunzjazzjoni meta Alla sar bniedem u beda jgħammar fostna.

F'dak il-jum il-wegħdiet li Alla kien għamel lill-bniedem bdew iseħħu. Fil-bidu tal-ħolqien kien hemm mara li dinbet — Eva — mara li bdiet il-għawġ u n-niket u l-ħażen. F'Nazaret kien hemm mara oħra — Marija — mara li bdiet twettaq dik ir-rebħa li Alla kien wiegħed lil Eva, ir-rebħa fuq il-għawġ u n-niket u l-ħażen.

Fi żmien il-profeta Iżaija, Alla kien wiegħed lis-sultan Akaż li 'l quddiem kien sejjer jagħti sinjal lid-dinja: xebba tagħti d-dawl lil Iben li jġib 'l Alla fostna. F'Nazaret, dan is-sinjal misterjuż beda jifrex id-dawl tiegħu.

Fl-Antik Testment, Alla kemm-il darba kien wiegħed li fergħa kellha toħroġ miz-zokk ta' David, iben mid-dinastija Lhudija, li kellu jqajjem il-glorja li s-slaten Lhud tilfu u dallmu bil-ħażen tagħhom. Issa, f'Nazaret, din il-wegħda seħħet.

Ftit xhur qabel, Alla kien għaraf lil Zakkarija li s-salvazzjoni tad-dinja kienet qorbot. Qallu li b'mod mirakoluż, fi xjuħitu, kien se jkollu iben li jħejji t-triq tal-messija, tal-messija li kellu jiġi. Il-lum, f'Nazaret, il-messija kien wasal.

Il-protagonista, il-persunaġġ ewlieni, tax-xena ta' Nazaret hija Marija. Dik li hi kollha sabiħa, kollha grazzjuża, mimlija bil-grazzja!

L-anġlu kompla jgħid lil Marija: "Il-Mulej miegħek!" Qalilha li kienet se ssir l-Omm t'Alla.

Marija tħawdet quddiem il-misteru. Xebba Lhudija ma setgħetx tifhem kif mara setgħet issir l-omm t'Alla. U l-ebda xebba ma tasal biex tifhem kif mara tista' ssir omm mingħajr ir-raġel. Marija tħawdet. Imma emmnet. Il-fidi f'Alla warrbet it-taħwid ta' moħħha. Bla ma fehmet kif Alla seta' jwettaq kliemu, offriet lilha nnifisha bħala strument umli tar-rieda Tiegħu.

U bil-fidi ta' Marija Alla sar bniedem u beda jgħammar fostna! Il-

fidi ta' Marija niżżlet 'l Alla missema! L-umiltà tagħha għamlitha kollha sabiħa! Il-fidi u l-umiltà biddlu s-sura ta' l-istorja!

— U int . . . ? Tixbah int lil Marija fis-sbuħija tagħha? Għandek int dik il-fidi qawwija f'Alla u dik l umiltà profonda li kellha Marija?

Jiena u int m'għandniex nibqgħu passivi quddiem il-misteru ta' Nazaret! Alla għadu jrid jidħol filqlub tal-bnedmin, jitnissel fl-erwieħ, sewwa sew kif ried jagħmel f'dak il-jum ta' Nazaret.

Nazaret huwa x-xbieha tad-dinja kollha, tad-dinja ta' kull żmien. L-anġlu jfisser il-leħen t'Alla li għadu jidwi u jgħid li Hu jrid jidħol u jaltan fid dinja. Marija hija l-ideal ta' kull mara, ta' kull ruħ li trid tagħti 'l Alla lid-dinja mħawda u midinba. Il-fidi u l-umiltà ta' Marija huma s-sigriet tar-rebħa fuq il-ħażen u n-niket, huma l-qawwa li tista' tbiddel il-figura kerha taddinja.

Forsi int tfajla, bħal ma kienet Marija. Forsi inti sabiħa, mimlija saħħa, bit-tbissima tal-ħajja fuq wiċċek, b'tama sħiħa fl-imħabba! Forsi m'intix sabiħa, imma mżejna b'karattru ħelu u twajjeb. Forsi żgħażagħ jimxu warajk, jitbissmulek, jixtiequ joħorġu miegħek u jgawdu l-preżenza ta' żogħżitek! Imma isma' 'l hawn: Hemm fik ittjubija ta' Marija, dik il-fidi f'Alla, dik l-umiltà li saħħret id-dinja? Qed tinqeda inti b'żogħżitek biex Ġesù jiġi fik, jibqa' fik, u minnek jingħata lil dawk li jħobbuk, li jimxu warajk, li jitbissmulek u jixtiequk tagħhom?

Forsi int omm, bħal ma saret Marija. Forsi int ukoll tiltaqa' ma' qtigħ il-qalb, ma' dubji fil-ħajja, ma' mrar u niket. Forsi int ukoll tgħid bħal ma qalet Marija: "Kif jista' jkun dan?" meta tara kollox diffiċli, meta ma tagħrafx kif ir-rieda ta' Alla tista' sseħħ fik u f'uliedek f'din il-ħajja li qed nagħmluha tant komplikata u diffiċli. Imma għandek inti dik il-fidi li dejjem farrġet lil Marija? Tasal tifhem int, bħal ma fehmet Marija, li Alla jista' kollox, jista' jagħmel il-ħwejjeġ diffiċli faċli?

Forsi int raġel bħali. Forsi, bħali, tixtieq ittejjeb id-dinja, tagħmel il-ġid lill-familja tiegħek u lil ħaddieħor. Forsi tixtieq tagħmel is-soċjetà u l-Knisja ħafna aħjar milli huma. Forsi mimli rieda tajba għall-ġid tal-ġejjieni. Imma qiegħed inti tħalli 'l Alla jaħdem fik, bħal ma għamlet Marija? Il-mezzi għall-ġid li tixtieq tagħmel huma umani bħalek, mezzi mibnijin fuq is-success li jidher, fuq il-ħidma tiegħek, fuq l-ambizzjonijiet moħbijin fik, fuq il-qawwa tal-ħsieb li għandek, fuq il-kapaċitajiet li minn għalik għandek? Jew huma mezzi divini mibnijin fuq il-fidi f'Alla u l-umiltà li tagħmlek strument sempliċi u moħbi f'idejn Alla, sewwa sew kif kienet u baqgħet Marija?

"Il-Mulej miegħek!" Qiegħed miegħek il-Mulej bil-grazzja Tiegħu? Qiegħed tgħix ma' Ġesù bissagramenti mqaddsa, speċjalment bit-tqarbin li jġiblek lil Ġesù miegħek b'mod reali u bil-qawwa kollha Tiegħu? Huma l-isbaħ intenzjonijiet tiegħek dawk tal-Mulej, jew dawk umani mibnijin fuq l-interessi personali?

Erġa' aħseb fix-xena ta' Nazaret, dik il-ġrajja li ġabet it-tama fiddinja, li niżżlet 'l Alla mis-sema. Aħseb f'dik it-tfajla umli, sempliċi,

kollha fidi u mħabba. U ifli sewwa jekk tixbahx lilha! Aħseb tajjeb jekk intix strument umli f'idejn Alla!

Il-ġrajja ta' Nazaret hija eterna . . . . tibqa' . . . għandha tibqa' . . . fija u fik . . . u f'kull ruħ li tiġi f'dan il-Wied tad-Dmugħ.

Kieku kull bniedem itenni ma' Marija, "Ikun magħmul minni dak li trid Int" kieku d-dinja tinsab wisq aħjar milli hi! Kieku d-dinja reġgħet saret ġenna ta' l-art bħal ma kienet fil-Eden qabel id-dnub ta' Eva, kif kienet fil-qalb safja u sempliċi ta' Marija, kif kienet f'dik il-familja fqajra, imma spiritwalment għanja, ta' Nazaret.

Kun, ħija jew oħti, "kollok sbuħija u grazzja", sbuħija u grazzja tar-ruħ, kif kienet Marija!

## II. — TITHENNA RUĦI F'ALLA S SALVATUR TIEGĦI . . .

Wara x-xena ta' Nazaret tiġi dik ta' Għajn - Karim. Wara l-konversazzjoni ta' Marija ma' l-anġlu tiġi dik ta' Marija ma' Eliżabetta. It-tnejn huma xeniet ta' ferħ, ta' tama u tagħlim.

Meta Marija bdiet iġġib fiha lil Ġesù ma għamlitx bħal ħafna nisa oħra: ma qagħditx titfisset ġo darha, ma qagħditx titpaxxa bl-unur li kien se jkollha li se ssir omm u omm ta' iben hekk kbir; ma tathiex għall-għażż; ma għaddietx iż-żmien tħejji l-ilbiesi għat-tarbija li kien se jkollha. Imma ħalliet kollox u marret tagħmel att ta' karità ma' waħda mill-qraba tagħha, ma' mara mdaħħla fiż-żmien li hija wkoll kien se jkollha iben. Marret għand Eliżabetta, l-omm ta' Ġwanni, li kellu jħejji t-triq għal Ġesù.

Marret tagħmel att ta' karità! Ħalliet lil Nazaret u mxiet jiem sħaħ sakemm waslet Għajn - Karim fejn kienet toqgħod Eliżabetta mart Zakkarija.

Għajn - Karim huwa raħal żgħir qrib Ġerusalem tal-Lhudija. Jinsab fuq l-"Għoljiet" li joffru serħan u hemda, li l-arja pura tagħhom tfakkar fis-safa tal-qalb, li l-għoli tagħhom iġib quddiem għajnejn il-kobor t'Alla.

Marret Għajn - Karim imkeffna fl-umiltà tagħha. Ma kien hemm ħadd biex jilqagħha: ħadd, ħlief Eliżabetta, ma kien jaf bil-misteru li kien qed isir fiha. Marija żammet kollox moħbi. Ħalliet 'l Alla jaħdem fis-skiet ta' qalbha u ġisimha. Ma nqdietx bil-mezzi ta' komunikazzjoni biex ixxandar il-miġja t'Alla fid-dinja permezz tagħha. Ma għamlietx bħalna ,bħal ma nagħmlu aħna appena jaħtruna għal xi xogħol żgħir, appena niksbu 'xi unur.

Malli waslet Għajn - Karim, Marija mxiet lejn id-dar ta' Zakkarija u sellmet lil Eliżabetta. Dak il-ħin, it-tarbija li Eliżabetta kellha fiha qabżet bil-ferħ; ferħet għax kellha kuntatt ma' Marija l-Omm t'Alla. Imbagħad Eliżabetta nfexxet f'din it-tislima: 'Imbierka inti fost innisa kollha; imbierek il-frott tal-ġuf tiegħek . . .; u mbierka inti għax emmint li l-wegħda li għamel il-Mulej sejra sseħħ".

Hawn Marija wieġbet lill-qariba tagħha: "Ir-ruħ tiegħi xxandar il-kobor tal-Mulej, u ruħi tithenna f'Alla s-Salvatur tiegħi, għax huwa ħares lejn il-qaddejja umli tiegħu. Iva, minn issa l-ġenerazzjonijiet kollha jsejħuli mbierka, għax Dak li jista' kollox għamel ħwejjeġ kbar

mieghi. Imqaddes huwa ismu!..."

Fis-skiet ħelu ta' Għajn - Karim, Marija damet tliet xhur. Qagħdet hemm taħseb fil-misteru kbir li kien qiegħed isir fiha: fil-kobor bla qies ta' Alla, fil-ħniena tiegħu, fiċ-ċokon tagħha. Baqgħet hemm tfaħħar 'l Alla u taqdi lil Eliżabetta. It-tliet xhur ta' Għajn - Karim kienu jiem ta' talb u tifħir 'l Alla, u ta' xogħol u għajnuna lill-proxxmu.

Wara "l-irtir" ta' Għajn - Karim Marija reġgħet lura lejn Nazaret biex tħejji ruħha għall-akbar ġrajja ta' l-istorja tal-bniedem: it-twelid ta' Ġesù.

F'dawn ix-xhur Marija kienet kollha ferħ fis-Salvatur tagħha.

— U int . . .?

Kif ġibt ruħek int meta tawk xi kariga ta' responsabbiltà? Dħalt daħla fik innifsek u rajt iċ-ċokon tiegħek fir-realtà, sewwa sew kif għamlet Marija, għalkemm kienet mimlija sbuħija u virtujiet? U qist li tieħu r-responsabbiltà li tawk sabiex biha tagħti glorja 'l Alla? U tħenniet ruħek fil-Mulej għax ftakar "fiċ-ċokon" tiegħek?

Marija ħasset li huwa unur kbir li ssir l-omm ta' l-istess Alla. U ferħet. Kieku ma ferħitx, ma kenitx tkun bniedma. Ħasset it-toqol tassejħa, imma ferħet. U hekk kull bniedem jifraħ meta jagħtuh xi unur. Imma l-unuri tad-dinja huma wisq diversi minn dawk t'Alla. L-unuri ta' hawn malajr jgħaddu. Min iħobbhom jisker bl-ambizzjoni għalihom, u jsir bniedem imdejjaq. Min jiġġieled għalihom, jiblieh. Min jimla żaqqu bihom, ifittex u ma jsib xejn. Min jifraħ bihom, hu uman. Min jifraħ bihom, jilmaħ ix-xejn tiegħu, u joffri l-unuri li tawk għall-glorja t'Alla: dan il-bniedem ikun ġej minn Alla, ikun il-bniedem ta' Alla, kif kienet Marija.

Fil-ferħ ta' l-unur tal-maternità divina, Marija ferħet fil-Mulej u nħbiet għand waħda mill-qraba tagħha. Ma qalet lil ħadd, lanqas lil Ġużeppi! Naħseb li ħafna minna ma jifhmux dan l-atteġġjament ta' Marija. Ħafna minna jdoqqu t-trombi b'dak li laħqu, bit-titoli li ħadu, eċċ., eċċ. Jiktbu fil-gazzetti u jxandru fuq ir-radjo; jiktbu huma u jġiegħlu lil ħaddieħor jikteb u jxandar fuqhom. Juru l-miżerja tagħhom! Idaħħku 'l min hu serju bihom! Marija żammet is-skiet. Ferħet fil-Mulej. Ħalliet 'l Alla juriha lid-dinja. Kellha 'l Alla fiha, u xi bżonn kellha tat-tifħir tan-nies, tan-nies li jgħiru, li jobgħodu, li jinsew, li huma miżerabbli?

P. GWIDO SCHEMBRI, O.F.M.

**QADDISIN ĠODDA**

Fost il-Qaddisin ġodda li se jiġu kanonizzati din is-sena mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Pawlu VI, insibu l-Beatu Nikola Tavelic u Sħabu Martri.

**W E G Ħ D A**

Franġiska Fenech, miż-Żejtun, tiżżiħajr 'l Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna Addolorata u tkompli l-wegħda tagħha billi tqassam 50 xbieha tad-Duluri tal-Kalvarju.

# IT-TRAGEDJA TA' MASADA

**(Din is-sena, 1970, jaħbat id-Dsatax-il Ċentinarju tal-Waqgħa ta' Ġeruslem u t-Tmiem tas-Saltna tal-Lhud ta' l-ART IMQADDSA. Għalhekk jaqbel li nfakkru din il-ġrajja ħemmija b'din il-kitba, għad li qasira, meħuda mill-ktieb imsemmi ĦRIEB IL-LHUD miktub minn wieħed Lhudi jismu Ġużeppi Flavju, li kellu hu n-nifsu sehem kbir f'dik il-gwerra.)**

Kulħadd jaf, mill-kbar saż-żgħar, kemm kellhom jinħaqru l-Lhud minn dak in-nhar li ġiegħlu lil Ponzju Pilatu jsallab lil Ġesù, sal-lum. Jidher ċar li Alla sama' u laqa' dik il-għajta kiefra tagħhom lill-Ħakem Ruman, meta hu ried jeħilsu għax sabu bla ħtija, u beża' jsallabhulhom. Qalulu għalanija meta rawh beżgħan: "Tibżax, int! Il-ħtija ta' demmu taqa' fuqna u fuq uliedna!" U hekk sar!

L-ewwel daqqa sħiħa li tahom Alla kienet erbgħin sena wara l-ġrajja, jiġifieri fis-sena sebgħin, fid-9 ta' Awissu, meta s-suldati ta' Titu, bin Vespasjanu, waqqgħulhom is-swar u ħarqulhom it-Tempju, u għamlu ħerba mill-Belt il-Kbira tagħhom, ĠERUSALEM. Minn dak iż-żmien 'il hawn, kull fejn imorru jieħdu s-saħta magħhom; u la jiswielhom il-għerf, u la jiswewlhom il-flus. Ara kif fi żmienna wkoll, x'biża' hawn li ssir ħerba mid-dinja kollha, u qerda min-nies li fiha, jekk jaqbdu gwerra r-Russja u l-Amerika, *ħtija tagħhom*!

* * *

Il-ġrajja ta' kif saret il-Gwerra tar-Rumani mal-Lhud, bil-ħruq tat-Tempju u l-ħerba ta' Ġerusalem, min kien għaqli biżżejjed u rafa' l-kotba ta' dan il-qari, isibha fil-ħarġiet ta' April - Ġunju, faċċata 36, u ta' Lulju - Settembru, faċċata 67, tas-sena 1957, miktuba mill-Professur Mons. Pietru Pawl Saydon, B.Lit., D.D., Lic. S. Script.

Hawnhekk, mela, sa nġibu, maqlub bil-Malti, fil-qosor, dak li ħalla miktub Ġużeppi Flavju [1] fuq din il-ġrajja tal-biża'; naqbdu minn fejn ħalla l-Professur Saydon, wara l-waqgħa ta' Ġerusalem.

Dak iż-żmien, wara li miet il-Ġeneral Luċilju Battus, laħaq Prokuratur tal-Lhudija warajh Flavju Silva, u meta ra li l-pajjiż kollu kien imrażżan f'dik il-gwerra, u l-fortizzi kollha meħuda, minn barra fortizza waħda msemmija MASADA (għax iż-żewġ fortizzi l-oħra, il-*Herodium* u l-*Machaerus* kien ħadhom qabel miet Luċilju), ġabar flimkien is-sul-

(1) Ġużeppi Flavju kien Lhudi tal-Palestina, u twieled f'Ġerusalem fis-sena 37 jew 38 wara Kristu. Kien imnissel minn nies għonja u ta' skola kbira u hu ħareġ bħalhom. Fil-bidu tal-gwerra tal-Lhud mar-Rumani kien ġeneral tal-Galilin u lir-Rumani ħabbathom m'hux ftit u għamlilhom ħsarat kbar. Imma wara, billi meta ġie taħt idejhom ħallewh ħaj u żegħlu bih, qaleb magħhom. Ma' tul il-ġlied kollu baqa' mar-Rumani u xogħlu kien li jħajjar lin-nies ta' pajjiżu li ma jibqgħux jiġġieldu. Wara li ntemm il-ġlied ma' Ruma u hemm kiteb kemm il-ktieb, fosthom ktieb imsemmi: "Fuq il-Gwerra Lhudija". Dawn il-kotba kitibhom bil-lingwa tal-Palestina u mbagħad qalbuhomlu bil-Grieg. Kull ma kiteb fuq il-Gwerra tal-Lhud qisu kollu rah b'għajnejh, u jidher minn kliemu li jekk ma kienx fl-assedju ta' Masada, ċert li żarha u tkellem mal-ġeneral Flavju Silva, li rebaħha, u maż-żewġ nisa li baqgħu ħajjin u raw il-bidu tal-qtil. Miet f'Ruma qrib is-sena 100 W.K.

dati kollha Rumani li kienu mxerrdin u ġieb għadd kbir ta' lsiera Lhud għax-xogħol, u ħadhom biex jaqbduha. Masada kienet fortizza bil-bini ġewwa fiha, qisha belt żgħira, fuq għolja. Kienu jgħammru fiha 960 (disa' mija u sittin) ruħ, irġiel, nisa u tfal, li r-rajjes tagħhom kien raġel jismu Eli-Għażar. Din il-fortizza għall-ewwel kienet f'idejn ir-Rumani, imma fil-bidu tal-gwerra kienu ħatfuha l-Lhud, wara li ħabtu għal ftit suldati li kienu għassa fiha, u qatluhom b'taqriqa. Fis-sena 66 għaddiet minn idejn ir-rajjes tax-xewwiexa, imsemmi Ġuda l-Galili ([2]), li kien maqtul mill-egħdewwa tiegħu, Lhud bħalu, u ħadha Eli-Għâżar, rajjes is-Sikkinin ([3]) li kienu jgħidulhom hekk għax kien ikollhom sikkina, jew aħjar, xifa misnuna, moħbija fi ħżienhom, taħt il-ħwejjeġ, u jinfdu biha lil min jobgħoduh, ukoll ġo nofs innies, għal għarrieda, u ħadd ma jintebaħ min qatlu. Is-Sikkinin kellhom ukoll ġewwa din il-fortizza linnisa tagħhom u lil uliedhom, li kienu ħaduhom hemm biex ibegħduhom u jħarsuhom mill-gwerra.

Ġie mela l-ġeneral Flavju Silva u mexxa t-tajfa tas-suldati Rumani għal Masada biex jitqabad ma' Eli-Għâżar u s-Sikkinîn li kellu miegħu magħluqa f'dik il-belt żgħira. L-ewwel ma għamel dan il-ġeneral, qassam lis-suldati [illegible]-dawra kollha tal-fortizza u għalaqha b'ħajt (il-ġebel u t-trab biex jinbena dan il-ħajt kienu jġorruh l-ilsiera Lhud li nqabdu mill-gwerra) biex ebda ħadd min-nies ta' ġewwa ma kien jista' jaħrab bla ma jinqabad mis-suldati li kienu qrib dak il-ħajt, jagħmlu l-għassa. Ukoll waqqaf it-tinda tiegħu fil-maqgħad li kien għażel, filġenb, li minnu l-blata għolja li fuqha kienet mibnija l-fortizza kienet l-eqreb għall-iġbla ta' madwarha.

Dik in-naħa kienet ħaġa tqila li jinġieb l-ikel u l-meħtieġ għas-suldati, għax din il-fortizza kienet fixxori, u bgħida wisq mill-ibliet imgħammra. L-ilma wkoll kellu jinġieb mill-bgħid, għax ma kien hemm ebda għajn ta' l-ilma fil-qrib, dik in-naħa. Dan ukoll kien jinġarr mill-ilsiera Lhud li nqabdu fil-gwerra. Għlhekk meta Flavju Silva hejja kollox u amar għal kulħadd dak li għandu jagħmel, ħaseb biex jibda t-taqbida. Imma mill-ewwel kien jidher li biex dik il-fortizza tittieħed kienu jinħtieġu żmien twil u taħbit kbir, għax kienet qawwija wisq, kif sa nfissru fuq fuq hawn taħt.

Il-blata jew għolja li fuqha kienet mibnija din il-fortizza kienet kbira ġmielha, u kienet għolja wisq ([4]), u l-ġnub tagħha kollha tal-blat, u weqfin, bħal irdum, li u 'a nies anqas bhejjem ma kienu jistgħu jitilgħu magħhom. It-tlugħ

---

(2) Dan Ġuda l-Galili jissemma wkoll fl-**Atti tal-Appostli** kap. V, vers 37.

(3) Ix-xafra li kien ikollhom dawn in-nies, bil-Grieg kienu jgħidulha xifos (bil-Malti xifa), u bil-Latin sica, għal hekk lil dawk in-nies kienu laqqmuhom sicarii. Hawn għal ħeffa semmejniehom Sikkinîn, minn sikkina.

(4) It-tul tal-wetgħa ta' fuq din il-għolja hu ta' 600 (sitt mitt) metru u l-wisa' tagħha minn 130 (mija u tletin) sa 240 (mitejn u erbgħin) metru. Il-għoli tagħha ftit iżjed jew ftit anqas minn 520 (ħames mija u għoxrin metru) Il-metru fih tul ta' qrib jarda u erba' pulzieri. Dawn il-qisien meħuda mill-kitba tal-Patri Injazju Mancini O.F.M. li dehret fil-Qari "La Terra Santa", ħarġa ta' Marzu 1959. Dan il-Patri żar Masada dik is-sena u darha u kiteb fuqha.

tagħha kien b'tiġrib kbir, minn żewġ trejqiet weqfin u ħżiena bosta, trejqa fuq kull naħa, fejn il-blat kien l-anqas għoli, naħa li tħares lejn il-Baħar il-Mejjet, jiġifieri lejn ix-Xerq, minn fejn titla' x-xemx, u l-oħra n-naħa tal-Għarb, minn fejn ix-xemx tinżel; din ta' l-aħħar kienet l-aħjar trejqa. Il-mogħdija l-oħra, daqs kemm kienet imgħawġa u dejqa, kienu jgħidulha s-*'Serp'*, għax min igħaddi minnha kien ikollu wisq drabi jerġa' lura, billi jiltaqa' ma' liwjiet, daqqa qosra u daqqa twal, u b'taħbit kbir biex timxi 'l quddiem, għax drabi trid tmidd din is-sieq, u drabi trid tmidd is-sieq l-oħra; u jekk sieqek tiżloq u taqa' minn hemm fuq għal ġewwa l-ħondoq ta' taħt, il-mewt hemm għalik, għax il-ħondoq egħmiq wisq, u l-ħitan tal-blat wieqaf; hekk li saħansitra jekk tħares 'l isfel jaqtagħlek qalbek u jimlik bil-biża' ([5]).

Wara li ddum tiela qatigħ, fl-aħħar tilħaq il-quċċata. Hemm fuq tinsab witgħa kbira li fuqha Jonata l-Qassis kien bena l-fortizza u semmieha Masada, għax qabel dik il-għolqa kien jisimha *Ġebel Sebbeħ*. Wara żmien, meta laħaq sultan Erodi, lil din il-witgħa dawwarha b'sur tal-ġebel abjad ([6]), u matul dan issur bena 38 (tmienja u tletin) borġ. In-naħa ta' ġewwa, mas-sur, bena għadd ta' djar żgħar u n-nofs talwetgħa ħallih battal, billi kien miksi b'ħamrija ħamra u tajba wisq għaż-żriegħ, hekk li n-nies li kienu jgħixu hemm ġewwa, kien jista' jkollhom il-ħaxix fix-xitwa u l-frott fis-sajf, x'jieklu s-sena kollha, mingħajr ma jinżlu minn hemm. Barra mid-djar, Erodi kien bena wkoll Dejr, bħal *palazz*, mis-sur 'il ġewwa, li għammru b'kull ma kien meħtieġ u żejnu bi ġmiel kbir. Hemm fuq ukoll ħaffer għadd ta' bjar filblat ([7]) biex jimtlew bl-ilma fix-xitwa u n-nies ta' hemm fuq ikollhom x'jixorbu u biex jinħaslu s-sena kollha.

Għamel ukoll imħażen kbar għallikel, fejn jinżamm il-qamħ biex jagħmlu l-ħobż, u ż-żrieragħ l-oħra, bħal ful u piżelli u fażola u għats. Għamel ukoll imħażen fejn jista' jinħażen il-frott imqadded, bħal tin, tamar u żbib; u ħofor filblat qawwi, bħal bjar żgħar, fejn jintrafa' ż-żejt u l-inbid. Hekk li meta Eli-Għasâr ħa taħt idejh din il-blejta, sabha mgħammra b'kull xorta ta' ġid. U billi hemm fuq l-arja bierda u safja, għax dik il-blata għolja u qiegħda f'naħa xôrija, l-ikel iżomm tajjeb għal snin kbar, għax ma jmiss miegħu ebda xorta ta' tinġis. Barra minn dan kien hemm ukoll kotra kbira ta' armi tal-gwerra, li Erodi kien refa' hemm fuq għalli jista' jinqala' jekk qatt xi darba jinħtieġhom hu.

Wara li l-ġeneral Silva hejja kollox biex ħadd min-nies ta' ġewwa l-fortizza ma jkun jista' jaħrab, be-

(5) Fis-sena 1955 meta l-Lhud kienu qegħdin jagħmlu xi taħfir f'Masada żagħżugħ Lhudi fettillu jitla' fuq din ilgħolja minn naħa oħra. Żelaq u waqa' ġewwa l-ħondoq u ħadd ma sata' jinżel għalih. Kellhom iġibu helikopter li tellgħu minn hemm mejjet u mfarrak daqs kemm ħabat ma' xfura ta' blat hu u jitgerbeb.

(6) Dan is-sur għad baqa' weqfin xi biċċiet minnu. Kien għoli 6 metri u wiesa' 4. Qiesu, meta żar Masada, Patri Mancini.

(7) Fit-wetgħa ta' fuq il-għolja għadhom jidhru 12-il bir, kull bir jasa' minn 2544 (elfejn, ħames mija u erbgħa u erbgħin) sa 4220 (erbat elef mitejn u għoxrin) metru kubu ta' ilma.

da jaħseb biex jaħbat għall-fortizza nfisha. L-ewwelnett ried jimla' sehem mill-ħondoq li kien hemm bejn il-fortizza u l-iġbla jew għoljiet ta' madwarha, biex fuq dak il-mili jtalla' l-makni għall-ħbit, bħal dawk li kellu Titu meta ħabat u rebaħ lil Ġerusalem. Imma ma sabx ħlief naħa waħda fejn sata' jtalla' s-sies; kienet blata wiesa, u għolja wkoll, in-naħa tal-Għarb, imma xi tletin minkeb (8) aktar baxxa mill-bqija. Għalhekk qabbad lis-suldati jġiegħlu lill-ilsiera jġorru t-trab u l-ħaġar biex jimtela' dak il-ħondoq. Hekk għamlu: l-ilsiera jġibu t-trab u l-ħaġar u s-suldati jixħtu fil-ħondoq, sa ma l-ħondoq imtela' u tala' s-sies. Fuq dan is-sies is-suldati tellgħu torri, li kien tal-egħwied minn ġewwa u miksi bil-ħadid minn barra, u msaħħaħ bil-ħadid minn ġewwa wkoll, u minn fuqu bdew iwaddbu l-vleġeġ u l-ġebel, hekk li ġiegħlu lin-nies ta' ġewwa l-fortizza jerġgħu lura.

Meta ra dan, il-ġeneral amar ukoll li jinġieb il-kibx tal-bronz (9) u jibdew jagħtu bih fuq is-sur biex iġarrfu l-ġebel u jiftħu fetħa fih u jidħlu ġewwa. Il-ħsieb tar-Rumani seħħ, għax il-biċċa tas-sur ġarrfuha, imma l-Lhud ta' ġewwa malajr ħasbu x'kellhom jagħmlu, u bnew sur ieħor quddiem dik il-fetħa; mhux sur tal-ħaġar, imma taz-zkuk u l-egħwied imsallba, mirdum min-naħa ta' barra biż-żrar u l-ħamrija, biex meta r-Rumani jħabbtu fuqu b'ras il-kibx, ir-ras tidħol fil-ħamrija u s-sur ma jaqax. Imma l-ġeneral Ruman ħaseb għal dan ukoll, u qabbad lis-suldati jixħtu fuq dak is-sur għadd ta' torċi mixgħula, li laħqu l-egħwied u s-sur ħa n-nar u saret ħuġġieġa kbira. Ir-riħ għall-ewwel kien għal wiċċ ir-Rumani u beda jwaddab id-dħaħen u n-nar għal fuqhom, u bdew jibżgħu li t-torri tal-egħwied li kellhom, għalkemm miksi bil-ħadid, fl-aħħar jieħu n-nar. Imma f'daqqa waħda r-riħ dar għan-naħa tal-Lhud u s-sur tagħhom billi kien tal-egħwied qabad ħuġġieġa waħda, minn tarf sa tarf. Meta raw dan ir-Rumani, ferħanin, marru jistrieħu u ħallew il-bqija tat-taqbida għall-għada, u billi kien filgħaxija u beda jidlam, żiedu l-għases mad-dawra tal-għolja, biex matul il-lejl, ebda Lhudi minn ta' ġewwa l-fortizza ma jkun jista' jaħrab għal barra, fid-dlam.

Iżda lil Eli-Għâżar, rajjes is-Sikkinîn, ebda ħjiel ma għaddielu minn moħħu li jaħrab, u anqas lil ebda wieħed minn dawk li kienu magħluqin ġewwa miegħu ma kien iħallih jaħrab, kieku ried!

Imma meta Eli-Għâżar ra s-sur tal-egħwied tiegħu maħruq, u fehem li ma seta' jagħmel ebda ħaġa oħra biex jeħles mir-Rumani, beda jġib quddiem għajnejh x'kienu sa jagħmlu, lilu u lir-rġiel li kellu miegħu, u lin-nisa tagħhom u lil uliedhom, jekk jaqgħu taħt idejhom ħajjin. Għalhekk ħaseb li kien ikun wisq aħjar li kieku qabel ma jilħqu jidħlu r-Rumani, jinqatlu huma b'idejhom, kollha! (*jissokta*)

LURETU CUTAJAR.

(8) Il-**minkeb** Lhudi kien ikun twil pied u disa' pulzieri (1 foot 9 inches).

(9) Il-kibx (li bil-Malti ħażin ta' dażżmien igħidulu **muntun**) tal-gwerra kien ikun zokk ta' siġra, twil u oħxon u tqil, li f'tarf minn trufu jkollu mwaħħla ras ta' kibx tal-bronż. Kien ikun imdendel bħal bandla, u s-suldati jxejjruh għal darba tnejn tlieta biex jieħu t-tul, u mbagħad iħabbtu dik ir-ras tal-kibx mas-sur b'saħħa kbira. Fejn tolqot, il-ġebel jitkisser, u wara ftit il-biċċa l-maħbuta taqa' u s-sur jinfetaħ. Minn dik il-fetħa jaqbżu għal ġewwa l-belt is-suldati bis-sjuf f'idejhom, u joqtlu lil kull min isibu quddiemhom, ikun min ikun.

# REQUIESCANT IN PACE

*Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiquna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

VALLETTA (Ġiżwiti) — Maria Vella, Ġużeppi, Annunzjata, Mikiel u Suor Stella Muscat, Rikardu, Pawlu u Mary Triganza; Evaristu, Adelgisa, Titu, Jolanda u Iomene Castaldi Fenech.

VALLETTA (Erwieħ) — Ġużeppi u Ġulju Borg; Luigi Scicluna; Pawla Attard; Familja Attard; Familja Scicluna; Ġovanni Farrugia; Tereża u Salvatore Muscat; Katerina u Victor Berello.

FURJANA — Glorjosa Mifsud; Franġisku u Katerina Adami; Filomena u Ġużeppi Floriani; Amabile u Salvatore Agius; Irene, Alice u Ġużeppina Azzopardi; Alice, Nelly u Fredu Aquilina; Publiju u Gejtanu Salomone.

MSIDA — Annunzjata, Ġużeppina u Salvatore Cachia; Alessju u Alfredu Mifsud; Remiġju u Ġuditta Buhagiar; M'Anna, Alba Marija Cordina; Concetta u Emmanuela Sammut.

ĦAMRUN (San Franġisk) — Cettina, Emmanuela u l-familja Schembri; Antonio u Ġużeppina Bartoli; Karmela Vassallo; Nerina Mercieca; Carmelo Ciscaldi; M'Anna u Ġużeppi Grima.

PIETA' — Emmanuela, Lawrenza, Angela, Victor, Pawlu Piscopo; Vincenzo Cilia; Ġużeppi u Dolores Dimech; Familja Buhagiar.

GZIRA — Carmela Cassar; Giovanna Bonnici; Duminku Muscat, Carmela u Vincenzo Tonna; Ġorġ u Ġużeppi Zammit; Virginia, Duminku u Toni Borg.

SLIEMA — Alfred Farrugia, Ġuża Sultana; Mikiel u Giovanna Micallef; Giovanna Attard; Stella Burlò; Veronica Buhagiar; Ester Demanuele; Filomena Bennetti; Serafina Degiorgio; Angiolina DiStefano; Crocefissa DeCarlo; Cherubina Stellini.

BIRKIRKARA — Carmel u Carmela Mifsud; Carmelo Cardona; Giovanni Ciarlò; Emmanuela De-Giovanni; Filippa Buhagiar; Lorenza Desira; Salvatore Desira.

ĦAL GĦARGĦUR — Salvatore Camilleri; Bertu u Marija Tonna; Carmelo u John Cuschieri; Pietro, Doris, Grazia, Katerina u M'Anna Sant Micallef; Gejtana Damato; Ġużeppi, Carmelo u M'Anna Zammit; Carmelo u Kalċedonja Bartolo; Marija Teresa Dicidomini.

BORMLA — Emmanuela, Concetta, Felicia, Gużeppi, Tomasu u Carmela Pullicino; Salvatore, Concetta Mercieca; Carmen u Leli Balzan; Ġużeppi Tonna; Giorgina Borg; Willy, Rosaria u Ġużeppi Gulia; Adeodata Schembri; Carmela Dimitri; Lorenzo Camilleri; Samwel Delceppo; Familja Xuereb.

BIRGU — Giovanni, Marija, Ġużeppi, Norenzo, Nina u Samuel Cachia; Alfred, Henry, Ronald Longhurst; Ġużeppi Cmilleri

L-ISLA (San Filippu) — M'Anna, Emmanuela, Concetta, Mary u Alipio Cordina; Polly, Rita, Doris u Ġużeppina Frendo; Katerina, Leonarda, Alice u Nelly Buhagiar; Salvu Buttigieg

QRENDI — Salvino, Mikiel u Luigi Grima; Lourdes u Maria Gri-

ma; Eleonora, Ester u Gejtanu Azzopardi; Lourdes, Katerina u Ġużeppi Buttigieg; Assuero u Luigi Buhagiar.

ZEJTUN — Stella Camilleri; Dun Fat. Camilleri; M'Angela Camilleri; Ġuża Sinagra; Katerina Saliba; Grazja Vella; Vincenzo u Fidele Tabone; Ġużeppina Ciancio; Filomena Buhagiar; Agostina Micallef; Ester Saliba; Guditta Beleli; Assunta Cuschieri; Katerina Demanuele; Concetta Saliba; Giovanna Micallef.

SIĠĠIEWI — Ġużeppi Cachia, Maria Spiteri; Giovanni, Salvatore u Baskal Spiteri; Katerina Demanuele; Giovanna, Giuditta, Filomena u Salvina DiStefano; Ġużeppa, Emmanuela u Annunzjata Ciarlò; Nicolinha, Sebastiana u Ġorġ DeGiovanni; Valentina, Salvatore u Gejtanu Benedetti; Mansueto, Tomaro u Remigio Galea.

NAXXAR — Michelina, Salvatore u Ġużeppi Ellul; Baldassare Vinċenti, Ġużeppina Sciberras; Angiolina Ciancio; Katerina Binetti; Salvatore Cordina.

ĦAŻ-ŻEBBUĠ — Carmela u Filippo Vella; Salvina, Giovanna u Benedetta Sciberras; Antonio, Alessio, Nicola, Nicolina, Filippo u Carmelo Cordina; Giovanna Ciarlo; Ġuża Vella.

RABAT (Ta' Ġieżu) — Ġużi, Rosina, Ġużeppa, Alessandro, Marija, Carmela u Giovanna Gauci; Pawlu u Mikiel Galea; Carmela u Ġużeppi Tanti; Ġanni, M'Anna, Ġuża u Pawla Said; Anthony Ellul; Grazia Tanti; Ġuża, Katerina u Ġanna Azzopardi; Ġużeppa, Carmelo, Antonia, Vincenzo, Lieni, Salvatore, Ġuża u Rev. Carmelo Busuttil; Familja Muscat u Micallef.

KERCEM — GĦAWDEX — Vittoria DeBrincat; Regina Grech; Ġużeppi, Salvatore u Mikele Catania; Elena, Alfonsa, Margerita u Ġużeppina Brincat; Samuel, Alessio, Ġorġa u Pasqualina Camilleri; Antonia, Rita, Concettina u Ġużeppi Magro; Annunzjata, Ġużeppina, Margerita, Serafina, Dionisia, Sofia, Gejtana u Emmanuela Agius.

*Min-naħa tagħna niżguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem mill-quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.*